MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-7 ta' Frar, 2020

Rikors Maħluf Numru 344/2015 LM

**AIS Environment Ltd (C18445)**

***vs.***

**L-Awtorità għat-Trasport f'Malta**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fis-16 ta' April 2015 minn **AIS Environment Ltd** (C 18445) (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà attriċi"), u maħluf minn Odette Schembri (K.I. 706262M) debitament awtorizzata, li jgħid kif ġej:

1. *Illi l-Awtorità intimata hija debitriċi tas-soċjetà rikorrenti fis-somma ta' għoxrin elf, mitejn u sittin Euro u sittin ċenteżmu (€20,260.60) rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' servizzi ta' archaeological excavations (ara prospett Dok. J1) reżi mis-soċjetà rikorrenti AIS Environment Ltd (C18445) ai termini tal-kuntratt tat-3 ta' Ġunju 2014 magħruf bħala "Archaeological & Environmental Monitoring &*

*Investigation Services for the Coast Road Project (NA8 to Commonwealth Cemetery") – iktar 'il quddiem magħruf bħala "Kuntratt CT 3040/2013" u ai termini tat-Tripartite Agreement tal-24 ta' Settembru 2014 iffirmat mill-kontraenti u kif ukoll mill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (iktar 'il quddiem magħrufa ukoll bħala "MEPA"), liema servizzi ġew approvati mill-Awtorità intimata ai termini tal-istess kuntratti u liema bilanċ baqa' ma tħallasx;*

2. *Illi inoltre għal diversi drabi matul dawn l-aħħar xhur il-Kuntratt CT 3040/2013 u kif ukoll, fi kliem l-Awtorità intimata, it-Tripartite Agreement innifsu, ġew sospiżi in toto jew in parte mill-Awtorità intimata mingħajr raġuni ġusta u valida: l-ewwel darba s-servizzi kollha (i.e. kemm l-Archaeological u kif ukoll l-Environmental Monitoring) ġew sospiżi fil-5 ta' Novembru 2014 għal tletin ġurnata (ara Dok. A), it-tieni darba din l-istess sospensjoni fir-rigward tas-servizzi kollha ġiet estiża sal-5 ta' Jannar 2015 (ara Dok. H), u fit-tielet u l-aħħar darba s-sospensjoni ġiet merfugħa fir-rigward tal-Environmental Monitoring b'effett mill-5 ta' Jannar 2015 iżda tħalliet fis-seħħ b'mod indefinit fir-rigward tal-Archaeological Monitoring (ara Dok. L u Dok. M);*

3. *Illi fir-rigward tal-Environmental Monitoring dawn is-servizzi xorta baqgħu jiġu reżi mis-soċjetà rikorrenti bis-saħħa tat-Tripartite Agreement u dan peress illi t-Tripartite Agreement ma seta' qatt ikun milqut mis-sospensjoni imposta minn Transport Malta u ma kien hemm l-ebda impediment jew ostakli minn terzi persuni sabiex l-istess servizzi taħt it-Tripartite Agreement ma jingħatawx. Difatti il-MEPA ukoll bdiet tinsisti li x-xogħlijiet kollha taħt it-Tripartite Agreement (l-istess xogħlijiet taħt il-Kuntratt CT 3040/2013) kellhom jitkomplew peress li hija biss setgħet tiddeċiedi dwar is-sospensjoni ta' tali xogħlijiet – Dok. C;*

4. *Illi madanakollu fir-rigward tal-Archaeological Monitoring is-servizzi ma setgħux jibqgħu jingħataw, lanqas taħt it-Tripartite Agreement, u dan bi preġudizzju finanzjarju kbir lis-soċjetà rikorrenti. Qabel xejn, wara t-tluq tal-Key Expert Archaeological Monitor, is-Sur Edward Calleja, minn mas-soċjetà rikorrenti (liema impjegat irriżenja b'effett mill-31 ta' Ottubru 2014), l-Awtorità intimata baqgħet qatt m'approvat il-ħatra ta' Key Expert Archaeological Monitor ġdida proposta mis-soċjetà rikorrenti (i.e. is-Sinjorina Marian Rosado) sa mill-24 ta' Ottubru 2014. Inoltre meta fis-6 ta' Jannar 2015 is-soċjetà rikorrenti ġiet infurmata mill-Awtorità intimata (Dok. L u M) illi s-sospensjoni tal-kuntratt CT 3040/2013 kienet ser tibqa' fis-seħħ fir-rigward tal-archaeological monitoring, l-istess Awtorità intimata spjegat illi dan kien minħabba direttiva tas-Sovritendenza tal-Patrimonju Kulturali li "Transport Malta suspends AIS Environment Ltd from providing archaeological monitoring services at the Coast Road Project". Ir-raġunijiet wara din id-direttiva, u d-direttiva nnifisha, baqgħu qatt ma ġew*

*komunikati jew spjegati lis-soċjetà rikorrenti mis-Sovritendenza. Fi kwalunkwe każ però, dejjem jekk huwa minnu dak li qed jiġi allegat mill-Awtorità intimata, is-Sovritendenza tal-Patrimonju Kulturali la għandha d-dritt taħt il-Kuntratt CT 3040/2013 (jew taħt it-Tripartite Agreement) illi titlob li ssir tali sospensjoni u lanqas għandha l-kompetenza jew poter li tagħmel hekk taħt l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali peress illi hija m'għandha l-ebda dritt li tirregola lis-soċjetà rikorrenti qua entità u għalhekk finalment tibqa' biss l-Awtorità intimata responsabbli għal fatt illi s-soċjetà rikorrenti sofriet danni minħabba li ma tħallietx tibqa' tagħti s-servizzi ta' archaeological monitoring sa mill-31 ta' Ottubru 2014;*

5. *Illi inoltre, wara ftit żmien is-servizzi ta' Archaeological Monitoring bdew jingħataw minn l-istess persuna li kienet tagħmilhom qabel, i.e. Edward Calleja, tramite kumpannija bl-isem ta' ECA Consultants Limited (C 67431) li ġiet reġistrata tlett ijiem biss wara d-data tat-tluq tiegħu mis-soċjetà rikorrenti, u għadu jagħmel hekk sal-ġurnata tal-ftuħ ta' din il-kawża, bl-approvazzjoni u aċċettazzjoni tas-Sovritendenza tal-Patrimonju Kulturali;*

6. *Illi minkejja li l-Awtorità intimata ġiet interpellata permezz tal-protest ġudizzjarju numru 16/2015 (ippreżentat fit-13 ta' Jannar 2015 – Dok. N) sabiex fi żmien jumejn min-notifika ta' dak l-att tikkonferma illi ser tagħmel tajjeb għall-ammont pendenti dovut lis-soċjetà rikorrenti u tonora l-obbligi kuntrattwali tagħha ai termini tal-Kuntratt CT 3040/2013 u tat-Tripartite Agreement inkluż l-obbligu li tħallas għas-servizzi mogħtija mis-soċjetà rikorrenti (inkluż servizzi li ngħataw wara l-5 ta' Novembru 2014 taħt l-istruzzjonijiet tal-MEPA), sabeix tapprova l-ħatra ta' Marian Rosado bħala Key Expert Archaeological Monitor u sabiex tgħolli minnufih b'mod sħiħ is-sospensjoni fuq il-Kuntratt CT3040/2013 u fuq it-Tripartite Agreement, din baqgħet inadempjenti;*

7. *Illi mhux hekk biss, iżda inoltre l-Awtorità intimata fil-kontro-protest tagħha numru 126/2015 (Dok. O) ċaħdet l-allegazzjonijiet tas-soċjetà rikorrenti u ddikjarat ukoll illi tinsab fl-impossibilità illi tapprova pagamenti għal servizzi ta' monitoraġġ ambjentali bejn il-perijodu tal-5 ta' Novembru 2014 u l-5 ta' Jannar 2015 minħabba s-sospensjoni imposta ai termini tal-Artikolu 33 tal-kuntratt CT3040/2013. Dan ifisser illi s-somma ta' tlett elef, tmien mija u ħamsa u tletin euro (€3,835) – ara Dok. J2 – rappreżentanti l-bilanċ tal-prezz ta' servizzi ta' monitoraġġ ambjentali għall-perijodu in kwistjoni, li l-parti kbira minnu għadu teknikament mhux dovut sal-ġurnata tal-lum stante li għad irid jgħaddi ż-żmien stipulat fil-kuntratt, legalment issa sar dovut minħabba li bl-aġir tagħha l-Awtorità intimata tilfet il-benefiċċju taż-żmien.*

*Għaldaqstant, premess is-suespost is-soċjetà rikorrenti titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara illi l-Awtorità intimata hija debitriċi tas-soċjetà rikorrenti fis-somma ta' għoxrin elf, mitejn u sittin euro u sittin ċenteżmu (€20,260.60) rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' servizzi ta' archaeological excavations reżi ai termini tal-Kuntratt CT3040/2013 u ai termini tat-Tripartite Agreement, liema bilanċ baqa' ma tħallasx;*

2. *Tikkundanna lill-Awtorità intimata tħallas dan l-ammont lis-soċjetà rikorrenti bl-imgħaxijiet skont kif miftehma fil-Kuntratt CT 3040/2013;*

3. *Tiddikjara illi l-Awtorità intimata kkawżat danni finanzjarji lis-soċjetà rikorrenti (kemm qabel il-ftuħ ta' din il-kawża u anke tul il-pendenza ta' din il-kawża bl-applikazzjoni tal-jus superveniens) b'kawża tal-aġir tal-Awtorità intimata illi mingħajr ġustifikazzjoni legali ma tapprovax il-ħatra ta' Marian Rosado bħala Key Expert Archaeological Monitor b'effett mill-31 ta' Ottubru 2014 sal-ġurnata tal-lum u illi tissospendi s-servizzi ta' archaeological monitoring b'effett mill-5 ta' Novembru 2014 sal-ġurnata tal-lum;*

4. *Tiddikjara illi l-Awtorità intimata hija responsabbli unikament għal dawn id-danni;*

5. *Tillikwida l-istess danni u tikkundanna lill-istess Awtorità sabiex tħallas dan l-ammont likwidat lis-soċjetà rikorrenti;*

6. *Tiddikjara illi l-Awtorità intimata hija debitriċi tas-soċjetà rikorrenti fis-somma ta' tlett elef, tmien mija u ħamsa u tletin Euro (€3,835) rappreżentanti l-bilanċ tal-prezz ta' servizzi ta' monitoraġġ ambjentali reżi lilha mis-soċjetà rikorrenti ai termini tal-Kuntratt CT 3040/2013 bl-imgħaxijiet skont il-liġi, liema ammont sar dovut minħabba d-dikjarazzjoni unilaterali tagħha (fil-kontroprotest numru 126/2015) illi hija ma tistax tapprova tali ħlas.*

Rat id-Dikjarazzjoni Maħlufa ta' **AIS Environment Limited** (C 18445), maħlufa minn Odette Schembri (K.I. 706262M) kif debitament awtorizzata, li tgħid hekk:

1. *Illi fit-3 ta' Ġunju 2014, is-soċjetà rikorrenti AIS Environment Limited (C 18445) iffirmat il-kuntratt relattiv mad-Direttur Ġenerali tal-Kuntratti għan-nom tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta (iktar 'il quddiem magħrufa ukoll bħala*

*'Transport Malta') fir-rigward tat-tender mogħti lilha bl-isem ta' 'Tender for Archaeological & Environmental Monitoring & Investigation Services for the Coast Road Project (NA8 to Commonwealth Cemetery) – iktar 'il quddiem magħruf bħala "Kuntratt CT 3040/2013";*

2. *Illi s-servizzi rikjesti mis-soċjetà rikorrenti ai termini ta' dan il-kuntratt huma dawk li jkopru l-obbligazzjonijiet tal-Awtorità intimata fir-rigward tal-Operational Monitoring Team (OMT) u tal-investigazzjonijiet u monitoraġġ ambjentali u arkeoloġiku rikjesti mill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (iktar 'il quddiem magħrufa ukoll bħala "MEPA") fil-permessi maħruġa lill-istess Awtorità intimata bin-numri PA 03758/09 u PA 03883/08;*

3. *Illi fl-24 ta' Settembru 2014, is-soċjetà rikorrenti daħlet fi ftehim ieħor (iktar 'il quddiem magħruf ukoll bħala 'it-Tripartite Agreement') flimkien ma' Transport Malta u mal-MEPA. Għalkemm ix-xogħlijiet li għandha tagħmel is-soċjetà rikorrenti ai termini taż-żewġ kuntratti huma l-istess, iż-żewġ kuntratti huma legalment separati minn xulxin u filwaqt li fl-ewwel kuntratt (i.e. Kuntratt CT 3040/2013) Transport Malta għandha s-setgħa li tittermina l-istess kuntratt, fit-tieni kuntratt (i.e. it-Tripartite Agreement), hija l-MEPA biss li għandha d-dritt tissospendi x-xogħlijiet jew tittermina l-kuntratt, sakemm ma jingħatax pre-avviż ta' tliet (3) xhur;*

4. *Illi skont it-Tripartite Agreement is-soċjetà rikorrenti hija responsabbli u tirrispondi biss għall-MEPA u tista' tirċievi struzzjonijiet biss mingħandha;*

5. *Illi ukoll skont it-Tripartite Agreement, is-soċjetà rikorrenti hija unikament responsabbli għal kwalsiasi danni li jistgħu jiġu kkawżati b'konsegwenza ta' xi atti jew omissjonijiet fil-provvista tas-servizzi tagħha u f'każ li tittermina s-servizzi tagħha (ħlief kif miftiehem) hija tkun obbligata tħallas danni prelikwidati lill-istess MEPA;*

6. *Illi dejjem skont l-istess Tripartite Agreement, hija Transport Malta biss responsabbli sabiex tħallas lis-soċjetà rikorrenti għas-servizzi tagħha mogħtija skont l-istess kuntratt;*

7. *Illi fil-qosor, il-funzjonijiet tas-soċjetà rikorrenti taħt iż-żewġ kuntratti huma dawk tal-monitoraġġ ambjentali u monitoraġġ arkeoloġiku;*

8. *Illi skont it-Tripartite Agreement, responsabbli għall-monitoraġġ ambjentali kien hemm team ta' esperti impjegati/ingaġġati mis-soċjetà rikorrenti inkluż Ruth DeBrincat Tabone (Team Leader and Air Quality Specialist), Mark Zammit (Ecological and Agricultural Monitor) u Marco Angeloni (Noise Monitor) filwaqt li*

*responsabbli għall-monitoraġġ arkeoloġiku kien hemm l-impjegat tas-soċjetà rikorrenti Edward Calleja (Archaeological Monitor);*

9. *Illi skont il-kuntratt CT3040/2013, responsabbli għall-monitoraġġ ambjentali kien hemm team ta' esperti impjegati/ingaġġati mis-soċjetà rikorrenti taħt id-direzzjoni tal-Key Expert Environmental Monitor Ruth DeBrincat Tabone u filwaqt li responsabbli għall-monitoraġġ arkeoloġiku kien hemm l-impjegat tas-soċjetà rikorrenti Edward Calleja bħala l-Key Expert Archaeological Monitor. Dawn il-key experts kienu ġew approvati espressament mill-MEPA fir-rigward tal-Key Expert Environmental Monitor u mis-Sovritendenza tal-Patrimonju Kulturali (iktar 'il quddiem magħrufa ukoll bħala 'SCH') fir-rigward tal-Key Expert Archaeological Monitor qabel ma beda jiġi esegwit il-Kuntratt CT 3040/2013;*

10. *Illi fit-8 ta' Awwissu 2014, Mark Zammit irriżenja mill-impjieg tiegħu mas-soċjetà rikorrenti b'dan illi din għalhekk ingaġġat persuna oħra ta' reputazzjoni u esperjenza kbira fl-istess qasam, u ċioe lis-Sur Edwin Lanfranco, sabiex ikompli bħala Ecological and Agricultural Monitor taħt it-Tripartite Agreement bħala parti mit-tim taħt is-sorveljanza ta' Ruth DeBrincat Tabone;*

11. *Illi fl-ewwel ġimgħat ta' Ottubru, Edward Calleja ukoll daħal f'diskussjonijiet mas-soċjetà rikorrenti dwar l-intenzjoni tiegħu li jirriżenja u jaqbad xogħol għal rasu. Sussegwentement huwa nforma lis-soċjetà rikorrenti li l-aħħar ġurnata ta' xogħol tiegħu kienet ser tkun dik tal-31 ta' Ottubru 2014;*

12. *Illi s-soċjetà rikorrenti infurmat lil Transport Malta bir-riżenja imminenti ta' Edward Calleja u bis-sostituta proposta minnha. Ta' min jgħid li din in-notifika kienet meħtieġa peress illi ai termini tal-General Conditions taħt il-Kuntratt CT 3040/2013 kien hemm l-obbligu li "The Contractor must **<u>on its own initiative</u>** (enfasi miżjuda) propose a replacement in the following cases: ... If it becomes necessary to replace a member of staff for any other reasons beyond the Contractor's control (e.g. resignation, etc)". Għalhekk is-soċjetà rikorrenti ipproponiet lil Transport Malta illi impjegata oħra minn tagħhom, ċertu Marian Rosado, persuna kapaċissima u li kellha l-kwalifiċi kollha meħtieġa skont il-Kuntratt CT 3040/2013, tissostitwixxi lill-istess Edward Calleja bħala l-Key Expert Archaeological Monitor mill-1 ta' Novembru 2014 'il quddiem;*

13. *Illi s-Sovritendenza tal-Patrimonju Kulturali ġiet ukoll infurmata b'din il-bidla proposta u min-naħa tagħha din infurmat lis-soċjetà rikorrenti illi filwaqt li hija kienet qed tapprova lil Marian Rosado madanakollu korrettement is-soċjetà rikorrenti kellha tistenna l-kunsens formali minn Transport Malta qabel ma l-istess Marian Rosado tkun tista' tibda x-xogħol tagħha;*

14. *Illi skont klawsola numru 3.2 tat-Tripartite Agreement, "The Developer (Transport Malta) and the Consultant (AIS) agree that payment for the Monitoring Services shall be effected in the manner defined in Article 26 of the General Conditions of Contract of Contract Agreement CT 3040/2013 as further qualified in terms of Article 26 of the Special Conditions of Contract of Contract Agreement CT 3040/2013";*

15. *Illi għalhekk għax-xogħlijiet tagħha taħt iż-żewġ kuntratti (liema xogħlijiet huma l-istess u identiċi) is-soċjetà rikorrenti titħallas biss minn Transport Malta u dana skont proċedura stabbilita fl-Artikolu 26 tal-iSpecial Conditions u Artikoli 25/26 tal-General Conditions ilkoll taħt il-Kuntratt CT 3040/2013. Din il-proċedura hija kif ġej: skont l-Artikolu 26 tal-iSpecial Conditions taħt il-Kuntratt CT 3040/2013: "The Contracting Authority will make payments to the Contractor in the following manner: Payment of the inception reports as per rates claimed within 60 days of the approval of the inception reports by the Contracting Authority. Payment of the weekly reports as per rates claimed within 60 days of the approval of the weekly reports by the Contracting Authority ... The monitors will be billing the CA per weekly report. Then in case of discoveries the excavation/discovery team will be paid per hour and the hours worked will be approved by the supervisor on site". Skont l-Artikolu 25 tal-General Conditions taħt il-Kuntratt CT 3040/2013: "The Contracting Authority shall, within 45 days of receipt, notify the Contractor of its decision concerning the documents or reports received by it, giving reasons should it reject the reports or documents, or request amendments ... If the Contracting Authority does not give any comments on the documents or reports within the time limit, the Contractor may request written acceptance of them. The documents or reports shall be deemed to have been approved by the Contracting Authority if it does not expressly inform the Contractor of any comments within 45 days of the receipt of this written request."*

16. *Illi fil-5 ta' Novembru 2014, l-Awtorità intimata infurmat lis-soċjetà rikorrenti b'ittra kkupjata fost oħrajn lill-MEPA (Dok. A) illi b'effett immedjat hija kienet qed tissospendi għal żmien tletin (30) ġurnata il-Kuntratt CT 3040/2013 u, fi kliemha stess, effettivament kien qed jiġi sospiż ukoll it-Tripartite Agreement, u dan għaliex skont hi s-soċjetà rikorrenti kienet wettqet prima facie ksur kuntrattwali meta inter alia ma nfurmatx lil Transport Malta bir-riżenja ta' Mark Zammit u bis-sostitut tiegħu. Is-soċjetà intimata ġiet infurmata ukoll illi: "Transport Malta cannot allow ongoing civil works to be halted as a result of these issues and interim measures will therefore be put into effect to ensure that works may progress unimpeded in full compliance with the conditions imposed by the Malta Environment and Planning Authority and the Superintendence of Cultural Heritage. Naturally, any additional costs incurred by Transport Malta for the*

*implementation of such measures shall be for the account of AIS Environment Limited."*

17. *Illi s-soċjetà rikorrenti kienet pront irribattiet għal dawn l-allegazzjonijiet infondati u ġew skambjati numru ta' ittri bejn il-partijiet u anke saret laqgħa fl-uffiċini tad-Direttorat tat-Trasport – ara sett ta' korrispondenza mmarkata bħala Dok. B – inter alia ma kien hemm ebda ħtieġa kuntrattwali illi Transport Malta tiġi notifikata bir-riżenja ta' Mark Zammit u bl-appuntament tas-sostitut tiegħu u inoltre t-Tripartite Agreement ma seta' qatt ikun milqut minn tali sospensjoni u allura x-xogħlijiet kollha kellhom ikomplu peress illi hija biss il-MEPA li tista' tissospendi t-Tripartite Agreement. Il-MEPA ukoll bdiet tinsisti li x-xogħlijiet kollha taħt it-Tripartite Agreement (l-istess xogħlijiet taħt il-Kuntratt CT 3040/2013) kellhom jitkomplew peress illi fi kliemha, is-soċjetà rikorrenti hija "monitor" tal-MEPA u mhux tal-klijent, i.e. ta' Transport Malta – ara Dok. C;*

18. *Illi, għalhekk safejn kien possibbli għaliha li tagħmel hekk, is-soċjetà rikorrenti kompliet bix-xogħlijiet tagħha skont it-Tripartite Agreement u dan stante illi f'dak l-istadju hija ma kinitx irċeviet xi struzzjonijiet bil-kontra mingħand il-MEPA;*

19. *Illi ta' min jgħid però illi x-xogħlijiet li kompliet tagħmel is-soċjetà rikorrenti kienu biss fir-rigward tal-monitoraġġ ambjentali u dana stante illi hija ma kinitx f'pożizzjoni li tkompli bil-monitoraġġ arkeoloġiku peress illi, Marian Rosado, ċioe il-persuna proposta mis-soċjetà rikorrenti sa mill-24 ta' Ottubru 2014 sabiex tissostitwixxi lil Edward Calleja, kienet (u għadha sal-ġurnata tal-lum) għadha ma ġietx approvata minn Transport Malta għalkemm kienet ġiet approvata informalment mis-Sovritendenza tal-Patrimonju Kulturali, liema approvazzjoni kienet ukoll ġiet komunikata lil Transport Malta. Ta' min jgħid ukoll illi fin-nuqqas ta' approvazzjoni minn Transport Malta, mill-31 ta' Ottubru 2014 'il quddiem ix-xogħlijiet ta' żvilupp kellhom jieqfu fin-nuqqas ta' Key Expert Archaeological Monitor inkella kien ikun hemm ksur serju tal-kundizzjonijiet imposti fuqhom mill-MEPA skont il-permessi relattivi;*

20. *Illi madanakollu s-sitwazzjoni wara l-31 ta' Ottubru 2014 kienet dik illi x-xogħlijiet fil-Coast Road baqgħu għaddejjin minkejja li ma kienx hemm Expert Archaeological Monitor fuq il-post u minkejja li Transport Malta kienet ilha ġimgħa infurmata bir-riżenja imminenti ta' Edward Calleja u bis-sostituzzjoni proposta ta' Marian Rosado;*

21. *Illi minn informazzjoni li għandha s-soċjetà rikorrenti jidher illi f'xi ġranet wara l-31 ta' Ottubru 2014, waqt li kienu qegħdin isiru xogħlijiet ta' clearing works f'żona li tiġi 'il barra mill-Programme of Works u Method Statements relattivi inkixfet dik li għall-kuntrattur/i preżenti dehret li kienet qisha ħofra jew mina*

*żgħira fl-art. Ta' min jgħid li dawn ix-xogħlijiet ta' clearing works f'żona li kienet tinkludi wkoll skoperta arkeoloġika oħra (li kienet ġiet skoperta iżjed qabel) ma kinux ġew approvati mis-Sovritendenza tal-Patrimonju Kulturali però apparentement ġew approvati minn Transport Malta. F'dak l-istadju però kien kruċjali illi x-xogħlijiet kollha jieqfu peress illi ma kienx hemm Key Expert Archaeological Monitor approvat sabiex ikun fuq is-sit u peress ukoll illi ma kienx hemm l-awtorizzazzjoni meħtieġa mis-Sovritendenza tal-Patrimonju Kulturali. Il-fatt biss li tkomplew ix-xogħlijiet f'tali ċirkostanzi kien jikkonsisti f'nuqqas serjissimu min-naħa ta' Transport Malta u fi ksur serju tal-kundizzjonijiet tal-permessi PA 03758/09 u PA 03883/08 imposti mill-MEPA fuq Transport Malta;*

22. *Illi sadanittant la s-Sovritendenza tal-Patrimonju Kulturali, la l-MEPA u lanqas is-soċjetà rikorrenti ma kienu ġew infurmati bis-sejba ta' din il-ħofra mill-kuntratturi u dan wisq probabbli għaliex f'dak l-istadju l-kuntrattur ma setax jinduna bl-importanza arkeoloġika tal-istess ħofra;*

23. *Illi minkejja li s-soċjetà rikorrenti ma kellhiex (u għad m'għandhiex) Key Expert Archaeological Monitor approvat minn Transport Malta, hija xorta waħda kienet fil-5 jew 6 ta' Novembru 2014, mingħajr obbligazzjoni bagħtet lil Marian Rosado, sabiex tara x-xogħol li kien għaddej fiż-żona in kwistjoni, u kienet proprju Marian Rosado li xxukkjat ruħha meta rat b'għajnejha stess illi mhux talli kienet inkixfet skoperta ta' valur arkeoloġiku (hekk imsejħa 'fougasse') iżda saħansitra din kienet tnaddfet mingħajr l-awtorizzazzjoni u mingħajr ma kienu ġew osservati l-proċeduri rikjesti skont l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali. Għaldaqstant l-istess Marian Rosado innotifikat minnufih lis-Sovritendenza tal-Patrimonju Kulturali bl-istess sejba u bix-xogħlijiet li kienu saru mingħajr permess;*

24. *Illi wara xi ftit ġranet, u ċioe fil-11 ta' Novembru 2014, Transport Malta infurmat lis-soċjetà rikorrenti illi s-Sovritendenza tal-Patrimonju Kulturali kienet ħarġet direttiva sabiex la Marian Rosado u lanqas Edward Calleja (ara email tal-11 ta' Novembru 2014 fis-sett ta' korrispondenza mmarkata bħala Dok. B) li fi kwalunkwe każ ma kienx għadu impjegat tagħha) ma jkunu preżenti fuq is-sit. Konferma ta' din id-direttiva ġiet mis-Sovritendenza tal-Patrimonju Kulturali nnifisha f'ittra li hija bagħtet lis-soċjetà rikorrenti datata 27 ta' Novembru 2014 (ara Dok. D u Dok. E). L-ebda raġunijiet ma ngħatat għal din id-direttiva u sal-ġurnata tal-lum is-soċjetà rikorrenti tħalliet fil-għama dwar din is-suppost direttiva u r-raġunijiet warajha;*

25. *Illi s-soċjetà rikorrenti waqfet tagħti s-servizzi tagħha (konsistenti biss f'monitoraġġ ambjentali) taħt it-Tripartite Agreement biss fis-27 ta' Novembru 2014 meta rċeviet bil-miktub mingħand il-MEPA (b'korrispondenza kkupjata ukoll*

*lil Transport Malta) sabiex l-istess Tripartite Agreement jiġi sospiż sakemm is-soċjetà rikorrenti tinnomina persuni ġodda sabiex jokkupaw ir-rwol ta' Monitor of Ecology and Agriculture minflok Edwin Lanfranco (Dok. F). Is-soċjetà rikorrenti kienet pronta u nnominat persuni ġodda u infurmat b'dan lill-istess awtoritajiet permezz ta' ittra datata 1 ta' Diċembru 2014. Fl-4 ta' Diċembru 2014 il-MEPA infurmat lis-soċjetà rikorrenti u lil Transport Malta permezz ta' ittra illi l-persuni ġodda nominati mis-soċjetà rikorrenti kienu ġew aċċettati minnha u għaldaqstant ix-xogħlijiet kollha taħt it-Tripartite Agreement kellhom ikomplu (Dok. G);*

26. *Illi fit-3 ta' Diċembru 2014 Transport Malta infurmat lis-soċjetà rikorrenti bil-miktub illi s-sospensjoni kienet qed tiġi estiża sal-5 ta' Jannar 2015 (Dok. H), liema ittra ġiet imwieġba mis-soċjetà rikorrenti permezz tal-email tal-5 ta' Diċembru 2014 (Dok. I*);

27. *Illi apparti li hemm kont pendenti ta' għoxrin elf, mitejn u sittin Euro u sittin ċenteżmu (€20,260.60) rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' servizzi ta' archaeological excavations (ara prospett anness u mmarkat bħala Dok. J1), Transport Malta ddikjarat permezz tal-kontroprotest tagħha notifikat lis-soċjetà rikorrenti fil-25 ta' Marzu 2015, illi skont hi, "tinsab fl-impossibilità illi tapprova pagamenti għal servizzi kemm ta' monitoraġġ arkeoloġiku kif ukoll ta' monitoraġġ ambjentali bejn il-perijodu tal-5 ta' Novembru 2014 u l-5 ta' Jannar 2015 minħabba s-sospensjoni imposta ai termini tal-Artikolu 33 tal-kuntratt CT 3040/2013". F'dan ir-rigward irid jingħad illi filwaqt li m'hemm xejn ċert, likwidu u dovut għal dan il-perijodu f'dak li għandu x'jaqsam ħlas għal servizzi ta' monitoraġġ arkeoloġiku peress illi ma ngħataw l-ebda servizzi arkeoloġiċi wara l-31 ta' Ottubru 2014, madanakollu hemm bilanċ rappreżentanti servizzi ta' monitoraġġ ambjentali (tlett elef, tmien mija u ħamsa u tletin euro (€3,835) – ara Dok. J2) li għalkemm il-parti l-kbira minnu għadu teknikament mhux dovut sal-ġurnata tal-lum stante li għad irid jgħaddi ż-żmien stipulat fil-kuntratt, legalment issa sar dovut minħabba li bl-aġir tagħha l-Awtorità intimata tilfet il-benefiċċju taż-żmien. Kif fuq ingħad tali servizz ta' monitoraġġ ambjentali baqgħu jiġu reżi mis-soċjetà rikorrenti anki matul il-perijodu ta' sospensjoni impost minn Transport Malta (għajr għall-perijodu li matulu l-MEPA ssospendiet il-kuntratt) bis-saħħa tat-Tripartite Agreement;*

28. *Illi sadanittant mill-5 ta' Novembru 2014 (id-data meta l-awtorità intimata infurmat lis-soċjetà rikorrenti bis-sospensjoni tal-kuntratt CT 3041/2013) sal-ġurnata tal-lum, Transport Malta baqgħet ma ħarġet l-ebda gwida la lis-soċjetà rikorrenti u lanqas lill-MEPA dwar kif għandhom jipproċedu l-affarijiet (in vista tal-inkompatibilità bejn l-istruzzjonijiet tagħha u dawk tal-MEPA) u minflok*

*inħliet f'battibekki inutli u korrispondenza li ma wasslu għal imkien. Fi kliem ieħor, is-soċjetà rikorrenti ġiet f'sitwazzjoni fejn minn naħa għandha lil Transport Malta li qed tordnalha sabiex tieqaf (temporanjament) milli tkompli bil-monitoraġġ kemm ambjentali u kif ukoll arkeoloġiku taħt iż-żewġ kuntratti, u minn naħa l-oħra għandha lill-MEPA li qed tordnalha sabiex tkompli bil-monitoraġġ ambjentali u l-monitoraġġ arkeoloġiku taħt it-Tripartite Agreement (liema xogħlijiet, jerġa' jiġi enfasizzat, huma l-istess xogħlijiet taħt il-Kuntratt CT 3040/2013);*

29. *Illi meta għal diversi drabi Transport Malta intalbet mis-soċjetà rikorrenti direzzjoni dwar kif għandhom jimxu l-affarijiet, Transport Malta baqgħet fis-silenzju filwaqt li l-MEPA reġgħet saħqet fil-15 ta' Diċembru 2014 li s-soċjetà rikorrenti kellha tkompli bis-servizzi tagħha kollha taħt it-Tripartite Agreement b'mod immedjat (Dok. C);*

30. *Illi peress illi baqgħet ma rċeviet l-ebda struzzjonijiet minn Transport Malta la dwar kif għandhom jipproċedu l-affarijiet u lanqas dwar is-sospensjoni li kellha tispiċċa fil-5 ta' Jannar 2015, fis-6 ta' Jannar 2015 is-soċjetà rikorrenti għamlet komunikazzjoni diretta ma' Transport Malta fejn fost oħrajn saqsietha s-segwenti: "Since 24th October 2014, we have been awaiting the approval of Ms Marian Rosado to take over the duties from Mr Edward Calleja. Given that your imposed suspension of the contract has now expired and in the absence of your advises, Ms Rosado will be added to the OMT to be able to resume archaeological monitoring, unless you advise differently." (Dok. K);*

31. *Illi madanakollu dakinhar stess, ċioe fis-6 ta' Jannar 2014, is-soċjetà rikorrenti irċeviet l-aħbar bl-email minn Transport Malta illi: "This morning, this office received a communication from the SCH whereby SCH is requesting that Transport Malta suspends AIS Environment Ltd from providing archaeological monitoring services at the Coast Road project. Transport Malta has therefore no option but to seek alternative archaeological monitoring services from other archaeologists. In line with this direction, you are therefore kindly requested not to send any archaeological monitors on the Coast Road site until further notice." (Dok. L);*

32. *Illi inoltre, permezz ta' ittra tas-7 ta' Jannar 2015 (Dok. M), Transport Malta infurmat lis-soċjetà rikorrenti illi s-sospensjoni tagħha ġiet merfugħa iżda madanakollu x-xogħlijiet kellhom ikomplu biss fir-rigward tal-monitoraġġ ambjentali u mhux ukoll fir-rigward tal-monitoraġġ arkeoloġiku u dan stante d-direttiva maħruġa mis-Sovritendenza tal-Patrimonju Kulturali li talab illi "Transport Malta suspends AIS Environment Ltd from providing archaeological*

*monitoring services at the Coast Road project." Ir-raġunijiet wara din id-direttiva, u d-direttiva nnifisha, baqgħu qatt ma ġew komunikati jew spjegati lis-soċjetà rikorrenti mis-Sovritendenza waqt li Transport Malta baqgħet qatt ma spjegat lis-soċjetà rikorrenti 'l għala s-Sovritendenza kienet qed tixħet it-tort ta' dak li kien ġara fir-rigward tal-iskoperta tal-fougasse, fuqha. Mhux hekk biss, iżda inoltre f'dawn ix-xhur kollha s-soċjetà rikorrenti lanqas qatt ma kienet involuta fl-investigazzjonijiet relatati mal-fougasse għajr sabiex twieġeb xi domandi li għoġobha tagħmel bil-miktub l-istess Sovritendenza. Fi kwalunkwe każ però, dejjem jekk huwa minnu dak li qed jiġi allegat mill-Awtorità intimata, is-Sovritendenza tal-Patrimonju Kulturali la għandha d-dritt taħt il-Kuntratt CT 3040/2013 (jew taħt it-Tripartite Agreement) illi titlob li ssir tali sospensjoni u lanqas għandha l-kompetenza jew poter li tagħmel hekk taħt l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali peress illi hija m'għandha l-ebda dritt li tirregola lis-soċjetà rikorrenti qua entità u għalhekk finalment tibqa' biss l-Awtorità intimata responsabbli għall-fatt illi s-soċjetà rikorrenti sofriet danni minħabba li ma tħallietx tibqa' tagħti s-servizzi ta' archaeological monitoring sa mill-31 ta' Ottubru 2014;*

33. *Illi fir-rigward tas-sejba tal-fougasse fil-verità s-soċjetà rikorrenti ma tista' qatt tkun meqjusa responsabbli għall-inċident imsemmi u dan mhux lanqas għaliex:*

    a. *Fil-ġranet tas-sejba tal-fougasse (sal-ġurnata tal-lum) hija kienet għadha ma kellhiex Key Expert Archaeological Monitor approvat minn Transport Malta;*

    b. *Ix-xogħlijiet fil-post fejn instabet il-fougasse kienu f'żona li tinsab 'il barra mill-Programme of Works u Method Statements relattivi tax-xogħlijiet ta' monitoraġġ arkeoloġiku li kellu jsir mis-soċjetà rikorrenti;*

    c. *Il-budget għas-servizzi li kienu jkunu obbligati jagħtu s-soċjetà rikorrenti fir-rigward ta' skoperti arkeoloġiċi baqa' ma ġiex allokat lilhom;*

    d. *Ix-xogħlijiet konsistenti fi clearing works fiż-żona in kwistjoni ma kinux ġew notifikati lilha u kienu apparentement ġew awtorizzati minn Transport Malta;*

    e. *Ġialadarba ma kienx hemm Key Expert Archaeological Monitor maħtur minn Transport Malta mill-31 ta' Ottubru 'il quddiem ix-xogħlijiet kollha nkluż ix-xogħlijiet li permezz tagħhom ġiet skoperta u mnaddfa (illegalment) il-fougasse kellhom jieqfu;*

34. *Illi di piu huwa inaċċettabbli u ta' preġudizzju serju għas-soċjetà rikorrenti illi Transport Malta timponi sospensjoni unilateralment għal xahrejn sħaħ (mingħajr l-ebda ġustifikazzjoni legali), twaqqaf tali sospensjoni mingħajr spjegazzjoni jew*

*tal-inqas apoloġija għal dak li jidher ċar li għamlet għal xejn, immedjatament tissospendi in parte ż-żewġ kuntratti b'mod indefinit abbażi ta' direttiva li qed tgħid li ngħatat mis-Sovritendenza tal-Patrimonju Kulturali u fl-istess ħin tippretendi illi s-soċjetà rikorrenti tkompli tagħti s-servizzi tagħha ta' monitoraġġ ambjentali taħt iż-żewġ kuntratti!*

35. *Illi huwa ferm dubjuż kemm dan l-istatus quo jista' jkompli kemm fid-dawl tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi u kemm fid-dawl tar-riperkussjonijiet finanzjarji fuq is-soċjetà rikorrenti jekk il-kuntratti jinqasmu bin-nofs mingħajr ġustifikazzjoni legali;*

36. *Illi inoltre jerġa' jiġi ribadit illi l-MEPA qed tisħaq illi s-soċjetà rikorrenti tkompli tagħti s-servizzi kollha taħt it-Tripartite Agreement, xi ħaġa li s-soċjetà rikorrenti mhix qed titħalla tagħmel kemm minħabba n-nuqqas ta' Transport Malta li tapprova n-nomina ta' Marian Rosado bħala Key Expert Archaeological Monitor u, issa, ukoll minħabba s-sospensjoni unilaterali imposta minnha abbażi tal-allegat direttiva mis-Sovritendenza tal-Patrimonju Kulturali;*

37. *Illi b'diżappunt kbir għaliha, is-soċjetà rikorrenti skopriet ukoll illi ftit żmien biss wara t-tluq ta' Edward Calleja (i.e. il-persuna li kien il-Key Expert Archaeological Monitor taħt il-kuntratt) mill-impjieg tas-soċjetà rikorrenti, dan l-istess persuna tramite kumpannija bl-isem ta' ECA Consultants Limited (C 67431) li ġiet reġistrata tlett ijiem biss wara d-data tat-tluq tiegħu, avviċina lil Transport Malta sabiex itiha servizzi ta' archaeological monitoring fir-rigward tal-istess proġett tal-Coast Raod u sussegwentement ġie ngaġġat mill-istess Transport Malta u għadu jagħtiha s-servizzi ta' archaeological monitoring fuq l-istess proġett sal-ġurnata tal-ftuħ ta' din il-kawża, bl-approvazzjoni u aċċettazzjoni tas-Sovritendenza tal-Patrimonju Kulturali, minkejja li din tal-aħħar fi kliemha stess kienet tat direttiva illi l-istess Edward Calleja (u Marian Rosado) kellhom jiġu sospiż;*

38. *Illi dan ifisser illi fil-ġurnata tal-lum:*

   a. *Il-Kuntratt CT 3040/2013 u, effettivament ukoll it-Tripartite Agreement, jinsabu sospiżi minn Transport Malta f'dak li għandu x'jaqsam servizzi ta' monitoraġġ arkeoloġiku, għal raġunijiet mhux validi skont il-liġi, u mhux ġustifikabbli, filwaqt li l-istess servizzi qegħdin jingħataw indirettament mill-istess persuna li bħala impjegat tas-soċjetà rikorrenti kienet il-Key Expert Archaeological Monitor. Dawn is-servizzi ilhom sospiżi mill-5 ta' Novembru 2014 u effettivament is-soċjetà rikorrenti ilha mill-1 ta' Novembru 2014 (ċioe d-data tat-tluq ta' Edward Calleja u d-data ta' meta l-Key Expert*

*Archaeological Monitor ġdida, li suppost ġiet approvata minn Transport Malta però baqgħet ma ġietx hekk approvata, kellha tibda x-xogħol tagħha) li tpoġġiet f'sitwazzjoni fejn kien impossibbli għaliha li tkompli bis-servizzi ta' archaeological monitoring. Għalhekk is-soċjetà rikorrenti ilha ssofri danni finanzjarji f'dan ir-rigward sa minn dik id-data;*

b. *Peress illi s-servizzi taħt il-Kuntratt CT 3040/2013 u taħt it-Tripartite Agreement huma identiċi, filwaqt li l-MEPA qiegħda ġustament tippretendi li s-soċjetà rikorrenti tkompli bix-xogħlijiet kollha tagħha, Transport Malta qiegħda tippretendi li s-soċjetà rikorrenti ma tagħmilx xogħol ta' monitoraġġ arkeoloġiku. Dan ifisser li s-soċjetà rikorrenti qiegħda tiffaċċja xkiel kbir fil-ħidma tagħha li hija kuntrattwalment obbligata biex tagħmel mhux l-anqas taħt it-Tripartite Agreement;*

c. *Is-soċjetà rikorrenti m'għandhiex is-serħan il-moħħ illi hija ser titħallas għas-servizzi li tat u li qed tkompli tagħti, anzi issa ġiet infurmata minn Transport Malta illi hija mhux ser tapprova pagamenti għal servizzi ta' monitoraġġ ambjentali bejn il-perijodu tal-5 ta' Novembru 2014 u l-5 ta' Jannar 2015 minħabba s-sospensjoni imposta ai termini tal-Artikolu 33 tal-kuntratt CT 3041/2013";*

39. *Illi kien għalhekk illi fit-13 ta' Jannar 2015 is-soċjetà rikorrenti interpellat lill-Awtorità intimata permezz tal-protest ġudizzjarju numru 16/2015 (Dok. N) sabiex fi żmien jumejn min-notifika ta' dak l-att tikkonferma illi ser tagħmel tajjeb għall-ammont pendenti dovut lis-soċjetà rikorrenti u tonora l-obbligi kuntrattwali kollha tagħha ai termini tal-Kuntratt CT 3040/2013 u tat-Tripartite Agreement inkluż l-obbligu li tħallas għas-servizzi mogħtija mis-soċjetà rikorrenti (inkluż servizzi li ngħataw wara l-5 ta' Novembru 2014 taħt l-istruzzjonijiet tal-MEPA), tapprova l-ħatra ta' Marian Rosado bħala Key Expert Archaeological Monitor u tgħolli minnufih b'mod sħiħ is-sospensjoni fuq il-Kuntratt CT 3040/2013 u fuq it-Tripartite Agreement;*

40. *Illi l-Awtorità intimata baqgħet inadempjenti u anzi rribattiet l-allegazzjonijiet fuq premessi permezz tal-kontroprotest tagħha numru 126/2015 ippreżentat fl-20 ta' Marzu 2015 (Dok. O) u għalhekk kellha tinfetaħ din il-kawża;*

41. *Illi in rappreżentanza tas-soċjetà rikorrenti niddikjara li jien naf bil-fatti hawn fuq dikjarati personalment.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-**Awtorità għat-Trasport f'Malta** (minn issa 'l quddiem "il-konvenuta"), ippreżentata fit-13 ta' Mejju, 2015, u maħlufa minn Nicholas Baldacchino (K.I. 27392M) fil-kwalità tiegħu ta' rappreżentant ġudizzjarju tal-Awtorità konvenuta, fejn ġie eċċepit:

1. *Preliminarjament in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti stante li l-kuntratt Archaeological & Environmental Monitoring and Investigation Services for the Coast Road Project (NA8 to Commonwealth Cemetery CT 3040/2013), li a bażi tiegħu s-soċjetà attriċi qed tressaq it-talbiet tagħha kif imsejsa fir-rikors ġuramentat, jipprovdi li kwalunkwe talba, kontroversja jew tilwim li jinqalgħu bejn il-partijiet għandhom jiġu deċiżi b'arbitraġġ skont ir-regoli taċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ;*

2. *Subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost illi s-somma ta' għoxrin elf, mitejn u sittin Euro u sittin ċenteżmu (€20,260.60) mhix dovuta stante illi s-servizzi arkeoloġiċi ma ġewx reżi skont kif pattwit fil-kuntratt CT 3040/2013, kif jixhdu d-diversi komunikazzjonijiet illi għaddew bejn il-partijiet u dan peress illi s-servizzi arkeoloġiċi illi s-soċjetà attriċi kellha trendi lill-esponenti kellhom jikkonsistu, inter alia, fl-għoti da parti tas-soċjetà attriċi ta' informazzjoni ġenerali u records dettaljati dwar sejbiet u fdalijiet u l-lok fejn dawn instabu, inkluż data sheets, iżda s-soċjetà attriċi naqset milli tagħmel dan, minkejja numru ta' interpellazzjonijiet sabiex tadempixxi ruħha mal-obbligi tagħha;*

3. *Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-Awtorità esponenti ma kkawżat ebda danni lis-soċjetà attriċi u ma tista' qatt tinżamm responsabbli stante illi jekk verament sofriet xi danni kif qed jiġi allegat, dawn ġew kawżati direttament minn aġir tal-istess soċjetà attriċi meta hija ma mxietx skont dak li jitlob il-kuntratt CT 3040/2013 peress illi:*

   *(a) Ma kien hemm ebda dritt awtomatiku ta' sostituzzjoni tal-Key Expert Archaeological Monitor oriġinali b'Marian Rosado, aktar u aktar tenut kont tal-fatt illi l-kwalifiċi ta' Ms Rosado ma kinux jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-kuntratt CT 3040/2013; u*

   *(b) Il-possibilità ta' sospensjoni tal-kuntratt CT 3040/2013, iċ-ċirkostanzi illi jistgħu jagħtu lok għal sospensjoni u d-dritt illi tgawdi l-Awtorità esponenti li tipprevalixxi ruħha mis-sospensjoni u l-fatt illi t-Tripartite Agreement tal-24 ta' Settembru 2014 mhux biss huwa subordinat għall-kuntratt CT 3040/2013 iżda addirittura ma jistax jissussisti waħdu, huma ampjament regolati fil-kuntratt de*

*quo, u s-soċjetà attriċi aċċettat tali klawsoli kontrattwali meta għaddiet biex tiffirma l-Contract Agreement CT 3040/2013;*

4. *Illi inoltre u mingħajr preġudizzju għas-suespost, mhuwiex minnu illi l-Awtorità esponenti kienet fil-libertà li tinjora d-direttiva maħruġa mis-Sovritendenza tal-Patrimonju Kulturali fil-konfront tas-soċjetà attriċi peress illi s-setgħat tas-Sovritendent tal-Patrimonju Kulturali huma regolati bil-liġi, u ċioe bl-Att dwar il-Patrimonju Kulturali (Kap. 445) u jipprevalu fuq kull obbligu kontrattwali ta' CT 3040/2013. Appuntu waħda minn dawn is-setgħat tikkonsisti f'li s-Sovritendent jagħmel dak kollu meħtieġ sabiex jissalvagwardja l-patrimonju kulturali fejn jidhirlu illi xogħlijiet qed isiru b'nuqqas ta' konformità mal-kundizzjonijiet imposti;*
5. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talba tas-soċjetà attriċi għall-ħlas ta' xogħol li skont hi, twettaq fil-mori tas-sospensjoni, hija infondata fil-fatt u fid-dritt peress illi fil-perijodu ta' sospensjoni u ċioe bejn il-5 ta' Novembru 2014 u l-5 ta' Jannar 2015, il-kuntratt CT 3040/2015 kien sospiż, it-Tripartite Agreement ma jistax jissussisti mingħajr il-kuntratt CT 3040/2013, allura xogħlijiet ma setgħux jitwettqu u ħlasijiet dovuti lis-soċjetà esponenti mill-Awtorità esponenti m'hemmx;*
6. *Illi, subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talba tas-soċjetà attriċi għall-ħlas ta' danni u imgħax hija infondata fil-fatt u fid-dritt;*
7. *Salv eċċezzjonijiet oħra.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat id-digriet tagħha tat-22 ta' Mejju 2019, fejn il-Qorti tat lill-partijiet il-fakoltà li jressqu noti ta' sottomissjonijiet, u fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

## <u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>

Bejn il-partijiet fil-kawża kien ġie ffirmat ftehim *ai termini* ta' liema s-soċjetà attriċi kellha tipprovdi servizzi ta' monitoraġġ arkeoloġiku u ambjentali fis-sit tal-proġett tal-Coast Road, Baħar iċ-Ċagħaq, liema proġett kien qiegħed isir minn Transport Malta. Is-soċjetà attriċi istitwiet dawn il-proċeduri rigward il-pretensjoni li għandha għall-ħlas tas-somma ta' għoxrin elf, mitejn u sittin Euro u sittin ċenteżmu (€20,260.60) li s-soċjetà attriċi tgħid li hija dovut lilha mill-awtorità konvenuta għal servizzi ta' monitoraġġ arkeoloġiku li hija pprovdiet *ai termini* tal-kuntratt CT 3040/2013. Il-ftehim bejn il-partijiet kien regolat ukoll minn ftehim ieħor magħruf bħala Tripartite Agreement, li kien iffirmat mill-partijiet f'din il-kawża u mill-MEPA, illum l-Awtorità tal-Ippjanar. Is-soċjetà attriċi tgħid li minkejja li s-servizzi mogħtija minnha kienu ġew approvati minn Transport Malta, il-bilanċ dovut lilha baqa' ma tħallasx, wara li l-imsemmija żewġ kuntratti kienu ġew sospiżi mingħajr ma ngħatat raġuni valida u ġusta lis-soċjetà attriċi għal dan. Is-sospensjoni tas-soċjetà attriċi fir-rigward tal-provvista ta' servizzi ta' monitoraġġ ambjentali ġiet imneħħija fil-5 ta' Jannar, 2015, u s-soċjetà attriċi kompliet tagħti dawn is-servizzi kif kienet tagħmel qabel, iżda s-sospensjoni fir-rigward tas-servizzi ta' monitoraġġ arkeoloġiku baqgħet fis-seħħ b'mod indefinit. Is-soċjetà attriċi ssostni li din is-sospensjoni kkawżatilha danni finanzjarji, partikolarment meta wara r-riżenja tal-*key expert archaeological monitor* li kien approvat anki minn Transport Malta sabiex jaħdem fuq dan is-sit, hija kienet disposta li tibgħat arkeologa oħra fuq is-sit sabiex tagħmel l-istess xogħol, iżda din il-persuna baqgħet ma ġietx approvata mill-awtorità konvenuta. Sussegwentement, is-soċjetà attriċi kienet ġiet mgħarrfa li s-servizzi ta' *archaeological monitoring* fuq is-sit kienu bdew jingħataw lill-awtorità konvenuta mill-istess persuna li kienet tatihom

qabel, Edward Calleja, li kien irriżenja mill-impjieg li kellu mas-soċjetà attriċi b'effett mill-31 ta' Ottubru, 2014.

Fit-talbiet tagħha, is-soċjetà attriċi qiegħda titlob lill-Qorti tiddikjara li l-awtorità konvenuta hija debitriċi tagħha fis-somma ta' €20,260.60, rappreżentanti l-bilanċ tal-ħlas għas-servizzi ta' monitoraġġ arkeoloġiku reżi minnha *ai termini* tal-kuntratt CT 3040/2013 u tat-Tripartite Agreement, liema bilanċ baqa' ma tħallasx lilha. Is-soċjetà attriċi talbet ukoll lill-Qorti tiddikjara li l-awtorità konvenuta kkawżatilha danni finanzjarji meta mingħajr ebda raġuni valida m'approvatx il-ħatra ta' Marian Rosado bħala *key expert archaeological monitor* b'effett mill-31 ta' Ottubru, 2014, u ssospendiet is-servizzi ta' *archaeological monitoring* b'effett mill-5 ta' Novembru, 2014. Barra minn hekk is-soċjetà attriċi talbet lill-Qorti tiddikjara li l-konvenuta hija unikament responsabbli għall-ħlas ta' dawn id-danni. Is-soċjetà attriċi ppremettiet ukoll li l-awtorità konvenuta hija responsabbli għall-ħlas ta' €3,835 rappreżentanti bilanċ tal-ħlas għal servizzi ta' monitoraġġ ambjentali reżi lilha mis-soċjetà attriċi *ai termini* tal-kuntratt CT 3040/2013 bl-imgħaxijiet skont il-liġi, liema somma s-soċjetà attriċi tgħid li saret dovuta lilha minħabba fid-dikjarazzjoni unilaterali tal-awtorità konvenuta li hi ma tistax tapprova dan il-ħlas.

L-awtorità konvenuta wieġbet li l-ammont ta' għoxrin elf, mitejn u sittin Euro u sittin ċenteżmu (€20,260.60) mhuwiex dovut għaliex is-servizzi li kellhom jingħataw mis-soċjetà attriċi *ai termini* tal-ftehim, baqgħu ma ngħatawx kif kien pattwit, partikolarment minħabba n-nuqqas ta' informazzjoni u ta' *records* dettaljati dwar sejbiet u fdalijiet arkeoloġiċi u fejn instabu. Is-soċjetà konvenuta wieġbet li f'każ li jirriżulta li s-soċjetà attriċi sofriet danni, dan seħħ għaliex hija naqset li tosserva dak li kien jitlob il-kuntratt CT 3040/2013. L-

awtorità konvenuta eċċepiet ukoll li ma kien hemm ebda obbligu li tiġi approvata Marian Rosado bħala *key expert* minflok Edward Calleja, u kienet is-soċjetà attriċi li aċċettat u qablet mat-termini tal-kuntratt u maċ-ċirkostanzi hemm spjegati li jistgħu jagħtu lok għas-sospensjoni tiegħu. L-awtorità konvenuta eċċepit ukoll li ma setgħetx tinjora d-direttivi maħruġa mis-Sovritendenza tal-Patrimonju Kulturali rigward is-sospensjoni tax-xogħlijiet, u t-Tripartite Agreement ma jissussistix mingħajr il-kuntratt CT 3040/2013. F'dan ir-rigward l-awtorità konvenuta eċċepiet li mhu dovut l-ebda ħlas għax-xogħol li sar mis-soċjetà attriċi bejn il-5 ta' Novembru, 2014 u l-5 ta' Jannar, 2015, peress li f'dak iż-żmien is-soċjetà attriċi kienet sospiża minn fuq il-proġett inkwistjoni.

**Provi u riżultanzi**

Flimkien mar-rikors maħluf, is-soċjetà attriċi ppreżentat għadd ta' dokumenti, fosthom: kopja ta' ittra tal-5 ta' Novembru, 2014, mibgħuta mill-awtorità konvenuta lis-soċjetà attriċi, fejn is-soċjetà attriċi ġiet mgħarrfa li *prima facie* jidher li kien hemm ksur tal-kundizzjonijiet kontrattwali li jirregolaw ir-relazzjonijiet bejn il-partijiet, u għalhekk l-awtorità konvenuta kienet qiegħda tissospendi lis-soċjetà attriċi milli tkompli tipprovdi servizzi taħt il-kuntratt CT 3040/2013 kif ukoll taħt it-Tripartite Agreement[1]; kopja ta' skambju ta' korrispondenza li għaddiet bejn il-partijiet fil-perijodu bejn is-7 ta' Novembru, 2014 u l-24 ta' Novembru 2014[2]; kopja ta' *email* tal-15 ta' Diċembru, 2014

[1] *A fol.* 18 tal-proċess.
[2] *A fol.* 20 *et seq.* tal-proċess.

mibgħuta mill-MEPA lis-soċjetà attriċi[3], fejn is-soċjetà attriċi ntalbet li tibqa' tipprovdi servizzi ta' monitoraġġ mill-MEPA[4]; kopja ta' ittra tas-27 ta' Novembru, 2014 mis-Sovritendenza tal-Patrimonju Kulturali lis-soċjetà attriċi, b'riferiment għall-iskoperta ta' *fougasse* fis-sit fejn kienu qegħdin isiru x-xogħlijiet[5]; kopja tar-risposta li s-soċjetà attriċi bagħtet lis-Sovritendenza tal-Patrimonju Kulturali fl-1 ta' Diċembru, 2014[6]; kopja ta' *email* mibgħuta mill-MEPA lis-soċjetà attriċi fis-27 ta' Novembru, 2014, fejn is-soċjetà attriċi ntalbet taħtar *monitor on ecology and agriculture* alternattiv.[7] F'din l-ittra, is-soċjetà attriċi ngħatat ukoll twissija li l-MEPA ma kienet lesta tittollera l-ebda ksur kontrattwali ieħor, u f'każ li n-nuqqas ta' konformità mal-obbligi kontrattwali tissussisti, il-MEPA kienet qiegħed tikkonsidra t-terminazzjoni tal-ftehim bejn il-partijiet; kopja ta' ittra mibgħuta mill-MEPA lis-soċjetà attriċi fl-4 ta' Diċembru, 2014[8]; kopja ta' *email* u ittra tat-3 ta' Diċembru, 2014 li Transport Malta bagħet lis-soċjetà attriċi[9]; kopja ta' *email* tal-5 ta' Diċembru, 2014 li s-soċjetà attriċi bagħtet lil Transport Malta[10]; kopja ta' prospett datat 15 ta' April, 2015, fejn is-soċjetà attriċi talbet lill-awtorità konvenuta l-ħlas dovut lilha fis-somma ta' €20,260.60[11]; kopja ta' prospett tal-15 ta' April, 2015 fejn is-soċjetà attriċi talbet lill-awtorità konvenuta tħallas is-somma ulterjuri dovuta lilha ta' €3,835[12]; kopja ta' *email* tas-6 ta' Jannar, 2015 li s-soċjetà attriċi bagħtet lill-awtorità konvenuta b'riferiment għall-ħatra ta' Marian

[3] *A fol.* 41 tal-proċess.
[4] Din l-*email* taqra testwalment: *"You are to resume the monitoring services immediately as you are acting as a monitor of the Authority and not as a monitor of the Client."*
[5] *A fol.* 42 tal-proċess.
[6] *A fol.* 44 tal-proċess.
[7] *A fol.* 46 tal-proċess.
[8] *A fol.* 47 tal-proċess.
[9] *A fol.* 48 u 49 tal-proċess.
[10] *A fol.* 51 tal-proċess.
[11] *A fol.* 52 tal-proċess.
[12] *A fol.* 53 tal-proċess.

Rosado bħala *monitor* in sostituzzjoni ta' Edward Calleja[13]; kopja ta' *email* tas-6 ta' Jannar, 2015 li l-awtorità konvenuta bagħtet lis-soċjetà attriċi fejn din tal-aħħar ġiet infurmata bl-oġġezzjonijiet tas-Sovritendenza tal-Patrimonju Kulturali[14], kopja ta' ittra tas-7 ta' Jannar, 2015 li l-awtorità konvenuta bagħtet lis-soċjetà attriċi sabiex tinfurmaha li s-sospensjoni fir-rigward tas-servizzi tal-*environmental monitoring* kienet qiegħda titneħħa, filwaqt li kienet ser tibqa' fis-seħħ is-sospensjoni tas-soċjetà attriċi fir-rigward tas-servizzi ta' *archaeological monitoring*[15]; kopja tal-protest ġudizzjarju li għamlet is-soċjetà attriċi[16], u kopja tal-kontro-protest intavolat mill-awtorità konvenuta[17], flimkien ma' kopja tal-*board resolution* tat-13 ta' April, 2015[18], li permezz tagħha Odette Schembri ġiet vestita bl-awtorità li tirrappreżenta lis-soċjetà attriċi fil-proċeduri odjerni.

Permezz ta' nota ppreżentata waqt l-udjenza tad-29 ta' Settembru, 2015, l-awtorità konvenuta ppreżentat kopja tal-kuntratt CT 3040/2013 bl-isem *'Archaeological & Environmental Monitoring & Investigation Services for the Coast Road Project (NA8 to Commonwealth Cemetry)'*[19], b'riferiment partikolari għall-klawsola li tgħid li kwalunkwe tilwima bejn il-partijiet għandha tiġi riżolta miċ-Ċentru Malti għall-Arbitraġġ, kif ukoll kopja tal-ftehim tal-24 ta' Settembru, 2014 li kellu jirregola s-servizzi li kellha tipprovdi s-soċjetà attriċi.[20]

---

[13] *A fol.* 54 tal-proċess.
[14] *A fol.* 55 tal-proċess.
[15] *A fol.* 56 tal-proċess.
[16] *A fol.* 57 tal-proċess.
[17] *A fol.* 70 tal-proċess.
[18] *A fol.* 74 tal-proċess.
[19] *A fol.* 87 tal-proċess.
[20] *A fol.* 159 tal-proċess.

Permezz ta' digriet mogħti fit-2 ta' Frar, 2016, il-Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari mqajma mill-awtorità konvenuta u ordnat li l-kawża tkompli tinstema' minnha, għar-raġunijiet hemmhekk imfissra.[21]

Waqt l-udjenza tat-23 ta' Mejju, 2016, xehdet il-**Perit Kylie Borg Marks**[22], li qalet li hija taħdem bħala perit mal-awtorità konvenuta, u kienet il-*project leader* fuq il-proġett tal-*Coast Road.* Ix-xhud spjegat li l-kuntratt CT 3040/2013 kien ġie ffirmat bejn is-soċjetà attriċi u d-Dipartiment tal-Kuntratti, u dan kien l-uniku kuntratt li kellu jirregola x-xogħlijiet li kellha tagħmel is-soċjetà attriċi fuq dan il-proġett. Ix-xhud spjegat li bejn il-partijiet kien ġie ffirmat ftehim ieħor, hekk imsejjaħ Tripartite Agreement, li kien ġie ffirmat bejn is-soċjetà attriċi, il-MEPA u Transport Malta, u dan il-ftehim kien jaqa' taħt is-CT 3040/2013, u għalhekk ma setax jitqies bħala distint u separat mill-kuntratt ewlieni. Ix-xhud spjegat li f'dan il-proġett kien hemm żewġ tipi ta' servizzi ta' monitoraġġ li kienu qegħdin jingħataw mis-soċjetà attriċi, dak arkeoloġiku u dak ambjentali, u wara li s-soċjetà attriċi ġiet magħżula biex tipprovdi dawn is-servizzi, din kienet iffirmat kuntratt mad-Dipartiment tal-Kuntratti għal dan l-iskop. Ix-xhud qalet li t-*tender* maħruġ kien jispeċifika li s-soċjetà attriċi kellha tipproponi żewġ *key experts,* kif ukoll tim ta' nies li kellhom jirrispondu lihom. Ix-xhud qalet li l-ismijiet ta' dawn il-persuni kienu mniżżlin fil-kuntratt u fil-ftehim. Ix-xhud spjegat li s-sospensjoni tal-proġett kienet saret għax Transport Malta kienet osservat li kien hemm ċertu ksur tal-ftehim, u dan il-ksur kien ġie rappurtat lid-Dipartiment tal-Kuntratti. Kompliet tgħid li kienet Transport Malta li rrakkomandat li jkun hemm sospensjoni tal-kuntratt għal perijodu ta' tletin ġurnata, u din ir-rakkomandazzjoni ġiet approvata fl-4 ta' Novembru,

[21] *A fol.* 186 tal-proċess.
[22] *A fol.* 199 tal-proċess.

2014. Sussegwentement kien hemm talba ulterjuri biex is-sospensjoni temporanja tiġi estiża għal tletin ġurnata oħra, u din it-talba ġiet approvata wkoll. Ix-xhud kompliet tgħid li wara din it-tieni sospensjoni, min-naħa ta' Transport Malta is-sospensjoni fir-rigward tal-monitoraġġ ambjentali kienet tneħħiet b'effett mill-5 ta' Jannar, 2015. Ix-xhud il-Perit Kylie Borg Marks kompliet tispjega li l-ewwel sospensjoni daħlet fis-seħħ minħabba li wieħed mill-membri tat-tim ma baqax jaħdem mas-soċjetà attriċi b'effett minn Awwissu tal-2014, u l-awtorità konvenuta ma kinitx ġiet infurmata b'dan. B'żieda ma' dan, kien hemm il-kwistjoni tal-*key expert* li kien qiegħed jagħmel il-monitoraġġ arkeoloġiku, u x-xhud qalet li l-awtorità konvenuta kienet ġiet mgħarrfa li dan kien temm l-impjieg tiegħu mas-soċjetà attriċi b'effett mill-aħħar ta' Ottubru 2014. Ix-xhud spjegat li l-ksur kontrattwali kien seħħ għax is-soċjetà attriċi baqgħet għaddejja bix-xogħol daqs li kieku ma kien ġara xejn, mingħajr ma nfurmat lill-awtorità konvenuta li xtaqet tibdel l-*expert* jew l-i*specialist consultant.* Ix-xhud kompliet tgħid li s-sospensjoni daħlet fis-seħħ sabiex is-soċjetà attriċi tingħata ċans tiddiskuti l-affarijiet tagħha. Kompliet tgħid li f'Jannar stess is-Sovritendenza tal-Patrimonju Kulturali daħlet fl-istorja għax is-sejbien tal-*fougasse* li kien instab fuq is-sit, ma kienx ġie irrappurtat mis-soċjetà attriċi. Ix-xhud qalet li kien minħabba f'hekk li s-Sovritendenza waqqfet il-monitoraġġ arkeoloġiku li kien qiegħed isir mis-soċjetà attriċi. Ix-xhud qalet li hi ma kinitx taf min kienet il-persuna li ndunat bil-*fougasse,* iżda qalet li meta jkun hemm skoperta bħal din, is-Sovritendenza għandha tiġi infurmata immedjatament b'dan. Kompliet tgħid li minkejja li Edward Calleja kien ser jispiċċa mill-impjieg tiegħu mas-soċjetà attriċi fil-31 ta' Ottubru, 2014, kien hemm persuna oħra, Marian Rosado, li kienet taħdem fl-istess tim ta' Edward Calleja, u li suppost kienet ser tkompli tieħu ħsieb il-monitoraġġ hi

ladarba Edward Calleja ma baqax jaħdem mas-soċjetà attriċi. Ix-xhud qalet ukoll li fil-perijodu meta s-soċjetà attriċi kienet sospiża minn fuq il-proġett, ix-xogħol ta' monitoraġġ tkompla xorta waħda. Ix-xhud qalet li s-soċjetà attriċi kienet disposta li tkompli bix-xogħol, minkejja s-sospensjoni. Ix-xhud kompliet tgħid li tul il-perijodu tas-sospensjoni kienu saru diversi diskussjonijiet bejn il-partijiet fil-kawża, bil-ħsieb li jiġu solvuti l-problemi li nqalgħu bejniethom. Ix-xhud kompliet tgħid li wara li għaddew is-sittin ġurnata ta' sospensjoni, l-awtorità konvenuta kienet sodisfatta bir-risposti mogħtija mis-soċjetà attriċi, u għalhekk Transport Malta kienet lesta li tkompli bil-kuntratt. Madanakollu meta s-Sovritendenza kitbet lil Transport Malta u talbitha twaqqaf lis-soċjetà attriċi milli tkompli bix-xogħol ta' monitoraġġ arkeoloġiku fuq is-sit, l-awtorità konvenuta ma setgħet tagħmel xejn sabiex is-soċjetà attriċi terġa' tingħata x-xogħol ta' monitoraġġ arkeoloġiku, anki jekk ġie propost xi ħaddieħor minflok Edward Calleja bħala *key expert*.

Il-Perit Kylie Borg Marks kompliet tagħti d-depożizzjoni tagħha waqt l-udjenza tal-11 ta' Lulju, 2016[23], fejn qalet li l-awtorità konvenuta kienet ġiet infurmata bis-sejbien tal-*fougasse* fil-5 ta' Novembru, 2014 permezz ta' *email* mibgħuta minn Marian Rosado li kienet ħadet ir-responsabbiltajiet ta' *key expert archaeological monitor.* Ix-xhud qalet li fl-istess ġurnata li Transport Malta ġiet infurmata bis-sejba tal-*fougasse* permezz tal-*email* ta' Marian Rosado, l-istess Transport Malta kienet infurmat lis-soċjetà attriċi bis-sospensjoni. Qalet li l-*fougasse* kien instab qabel daħlet fis-seħħ is-sospensjoni tal-kuntratt. Ix-xhud żiedet tgħid li wara s-7 ta' Novembru, 2015, Transport Malta ma setgħetx tħalli lis-soċjetà attriċi tkompli tagħmel monitoraġġ arkeoloġiku fuq is-sit peress li s-Sovritendenza tal-Patrimonju Kulturali kienet talbet li jinstab servizz

[23] *A fol.* 209 tal-proċess.

alternattiv għal dak li kienet qiegħda tipprovdi s-soċjetà attriċi. Ix-xhud qalet li l-kuntratt inkwistjoni għandu valur ta' mija u tnax-il elf, tliet mija u tlieta u tmenin Euro u għoxrin ċenteżmu, (€112,383.20), li minnhom is-soċjetà attriċi tħallset l-ammont ta' ħamsa u sittin elf, wieħed u erbgħin Euro u sittin ċenteżmu (€65,041.60). Ix-xhud kompliet tgħid li d-differenza bejn il-valur tal-kuntratt u l-pagamenti li laħqu tħallsu mill-awtorità konvenuta kienet ta' sebgħa u erbgħin elf, tliet mija u wieħed u erbgħin Euro u sittin ċenteżmu (€47,341.60) bil-VAT inkluż. Ix-xhud spjegat li hemm l-ammont ta' sitt elef, sitt mija u tmien Euro (€6,608) li jista' jiġi ċertifikat għall-ħlas, però parti minn dan l-ammont jaqa' taħt *additional quantity,* u għalhekk trid tinġieb l-approvazzjoni formali tad-Dipartiment tal-Kuntratti qabel ikun jista' jsir dan il-pagament. Qalet li t-talba għall-ħlas tas-somma ta' għoxrin elf, mitejn u sittin Euro u sittin ċenteżmu (€20,260.60) mis-soċjetà attriċi, għandha x'taqsam ma' *archaeological excavation works* li jridu jitħallsu b'rata fissa fis-siegħa ta' mitt Euro u tletin ċenteżmu (€100.30) fis-siegħa, u dawn is-sigħat iridu jiġu ċċertifikati wara li Transport Malta tkun irċeviet konferma mingħand is-Sovritendenza tal-Patrimonju Kulturali li s-soċjetà attriċi għamlet is-sottomissjonijiet u r-rapporti kollha skont il-kuntratt. Ix-xhud qalet li sakemm is-soċjetà attriċi tonora l-obbligi kollha tagħha skont il-kuntratt, l-awtorità konvenuta ma tkunx tista' tiċċertifika tali ħlas. Ix-xhud kompliet tispjega li hemm ammont ieħor ta' flus li jkopri servizzi ta' monitoraġġ li ngħataw waqt il-perijodu tas-sospensjoni tal-kuntratt, minħabba li s-soċjetà attriċi baqgħet għaddejja bil-monitoraġġ ambjentali minkejja li kienet taf li s-sospensjoni kienet ser tidħol fis-seħħ. Ix-xhud spjegat li Transport Malta ma tistax tiċċertifika l-ħlas għas-sittin ġurnata sospensjoni tal-kuntratt. Żiedet tgħid li n-notifika tas-sospensjoni ngħatat qabel ma s-soċjetà attriċi ppreżentat ir-

rapporti tagħha. Ix-xhud spjegat ukoll li hemm ammont ta' flus li jkopru parti mill-kuntratt fejn ma ġewx ipprovduti servizzi, jew minħabba li kien hemm is-sospensjoni, jew minħabba li l-monitoraġġ arkeoloġiku ma tkompliex. Ix-xhud qalet li l-ħlas għal dan is-servizz li ma ngħatax ma jistax jiġi kkwantifikat. Ix-xhud esebiet kopja tat-*timeline of events* marbuta mal-kuntratt CT 3040/2013 fir-rigward tal-ġrajjiet li seħħew.[24]

Permezz ta' nota tal-11 ta' Lulju, 2016, is-soċjetà attriċi ppreżentat l-*affidavit* ta' **Marian Rosado**[25], ex-impjegata tas-soċjetà attriċi, li qalet li hija kienet ilha taħdem bħala arkeologa għal ħmistax-il sena, u kellha esperjenza twila ta' xogħol fuq proġetti ewlenin anki fi Spanja. Qalet li hija kienet ġiet Malta sabiex taħdem bħala arkeologa fl-4 ta' April, 2012, u kienet ġiet impjegata mis-soċjetà attriċi fit-18 ta' Settembru, 2013. Qalet li waqt li kienet impjegata mas-soċjetà attriċi, hija kienet inkarigata b'diversi proġetti ewlenin, fosthom il-Forti Sant'Anġlu, il-Collachio tal-Birgu u l-Foss tal-Birgu, u kienet għamlet ukoll xogħol ta' superviżjoni fil-Katakombi ta' Sant'Agata u ta' San Pawl, f'Ta' Bistra, u fiċ-Ċittadella. Ix-xhud qalet li s-*senior manager* inkarigat mit-taqsima tal-arkeoloġija tas-soċjetà attriċi kien Edward Calleja, u r-rwol tiegħu kien li jiġġestixxi din id-diviżjoni, jalloka l-arkeologi fuq proġetti differenti, u li jagħmel superviżjoni tax-xogħol. Qalet li f'dan ir-rwol Edward Calleja kien jirrapporta direttament lil Mario Schembri, il-*managing director* tas-soċjetà attriċi, u bħala *assistant manager* hija kienet tassisti lis-Sur Calleja fuq diversi aspetti tekniċi tax-xogħol. Ix-xhud qalet li Edward Calleja kien il-*key expert* approvat biex jaħdem fuq il-proġett tal-Coast Road, u kien responsabbli għall-monitoraġġ tax-xogħol u għax-xogħlijiet ta' skavar mill-aħħar ta' April, 2014

[24] *A fol.* 214 tal-proċess.
[25] *A fol.* 218 tal-proċess.

sal-31 ta' Ottubru, 2014. Ix-xhud qalet li dan kien l-uniku proġett li kien involut fih Edward Calleja tul dan il-perijodu, u kien responsabbli sabiex jassigura li x-xogħol kollu ta' monitoraġġ u ta' spezzjonijiet li kienu meħtieġa li jsiru mis-soċjetà attriċi, kienu qed isiru. Żiedet tgħid li sabiex jagħmel dan ix-xogħol, Edward Calleja spiss kien jitlob l-assistenza ta' għadd ta' arkeologi oħra ngaġġati mas-soċjetà attriċi. Ix-xhud qalet li l-involviment tagħha fil-proġett tal-Coast Road beda f'Lulju tal-2014 meta ntalbet tassisti lil Edward Calleja u lit-tim tiegħu fix-xogħol ta' skavar arkeoloġiku li kien qiegħed isir. Ix-xhud qalet li mhux minnu li hija qatt kellha xi involviment ewlieni f'dan il-proġett qabel ir-riżenja ta' Edward Calleja fil-31 ta' Ottubru, 2014. Hija spjegat li mit-*timesheets* li tħallew minn Edward Calleja, jirriżulta li hu kien mar fuq is-sit fejn instab il-*fougasse* fl-20 ta' Ottubru, 2014, u mir-ritratti li ttieħdu fiż-żona dakinhar, għandu jirriżulta li l-*fougasse* kien għadu ma nstabx f'dik id-data. Qalet li t-*timesheets* ta' Edward Calleja għall-24 ta' Ottubru, 2014 jindikaw li kien qatta' n-nofs ta' nhar ta' filgħodu fuq il-proġett tal-Coast Road, u lanqas dakinhar ma kien irreġistra li fuq is-sit kien instab xi *fougasse.* Żiedet tgħid li minkejja li s-soċjetà attriċi kienet irrakkomandat lilha bħala *key expert* sabiex tissostitwixxi lil Edward Calleja fuq dan il-proġett, Transport Malta baqgħet qatt ma kkonfermatha bħala *key expert.* Ix-xhud qalet li kien hemm irregolarità fil-mod kif Transport Malta nnotifikat lis-Sovritendenza tal-Patrimonju Kulturali bit-tibdil tal-*key expert,* u spjegat dak li ġara b'dan il-mod:

> "*Normally upon receiving a request for a change in archaeologist, the client, in this case Transport Malta, would officially request the Superintendence of Cultural Heritage's approval of the change by sending an email to them, copying in the nominated archaeologist. In this particular case, I was not copied in TM's email to SCH and indeed I cannot be sure whether such email has ever been sent. I am informed that in the Court case instituted by AIS against SCH, Mr Mevrick Spiteri (Executive Officer – SCH) testified that Transport Malta had notified SCH about this*

> *change on 14 October 2016 and that SCH informed Transport Malta that it was approving this change on 29 October 2016. This notwithstanding I confirm that I never received any instructions from Transport Malta that I was formally approved as the new key expert on the Coast Road project in place of Edward Calleja."*

Ix-xhud qalet li sal-4 ta' Novembru, 2014, hi kienet għadha ma semgħet xejn dwar l-applikazzjoni tagħha sabiex tiġi maħtura minflok Edward Calleja, u kien għalhekk li kkuntattjat lil Nathaniel Cutajar mis-Sovritendenza sabiex tistaqsi dwar dan, u l-istess Cutajar kien infurmaha li s-Sovritendenza kienet approvatha bħala arkeologa fuq il-proġett tal-Coast Road. Qalet li dak il-ħin stess intlaħaq ftehim bejniethom li hija kellha tkompli bl-ispezzjonijiet fuq il-proġett tal-Coast Road sa mill-ġurnata ta' wara, il-5 ta' Novembru, 2014, b'mod informali, minħabba li sa dakinhar kienet għadha ma ġietx approvata minn Transport Malta bħala *key monitor* fuq il-proġett. Qalet li minħabba li hi kellha relazzjoni tajba ta' xogħol mas-Sovritendenza, kienet iddeċidiet li tmur fuq is-sit fil-kapaċità tagħha ta' arkeologa. Spjegat li hija marret fuq is-sit fil-5 ta' Novembru, 2014 fis-sebgħa ta' filgħodu, u dakinhar spezzjonat iż-żewġ naħat tal-Coast Road, kemm fid-direzzjoni lejn il-Qawra kif ukoll fil-parti tat-triq li twassal għal Pembroke. Ix-xhud qalet li hi u sejra lejn il-parti tal-Coast Road li twassal għal Pembroke, innutat *feature* fil-blat, *fougasse*[26], u nnutat ukoll li parti mill-blat viċin il-*fougasse* kienet diġà tqattgħet, filwaqt li l-*fougasse* innifisu kien diġà tnaddaf. Ix-xhud qalet li l-ewwel reazzjoni tagħha meta ndunat b'dan kienet waħda ta' xokk, għaliex f'każ ta' skoperti arkeoloġiċi bħal dawn, il-proċedura titlob li x-xogħol fuq is-sit jitwaqqaf sakemm l-iskoperta tiġi studjata fid-dettall. Kompliet tgħid li dak il-ħin stess ikkuntattjat lil Mevrick Spiteri, uffiċjal tas-Sovrintendenza, sabiex tinfurmah

[26] Fi kliem ix-xhud, *"a fougasse is a defence system used in historical times to protect the coastline from the enemy and which has archaeological value."*

b'din l-iskoperta, u dan talabha tatih kopja tad-*discovery report.* Ix-xhud qalet li meta għamlet eżerċizzju komparattiv bejn ir-ritratti li ttieħdu fuq is-sit fl-20 ta' Ottubru, 2014 u dawk li ttieħdu fil-5 ta' Novembru, 2014, hija setgħet tara li x-xogħol fuq is-sit kien avvanza b'mod sinifikanti, u miż-żona fejn instab il-*fougasse* kienet tneħħiet ħafna ħamrija li kienet tinstab bejn l-asfalt u l-blat. Qalet li skont l-proċedura stabbilita, meta fuq sit jinstabu fdalijiet arkeoloġiċi, l-arkeologu li jkun inkarigat mis-sit għandu jiġi nfurmat minnufih sabiex ikun jista' jieħu d-deċiżjonijiet opportuni. Qalet li meta nstab il-*fougasse,* il-kuntratturi li kienu qegħdin jagħmlu x-xogħol fiż-żona kienu Bonnici Brothers, u r-responsabbilità li jinfurmaw lill-arkeologi bl-iskoperta tal-*fougasse* kienet tagħhom. Ix-xhud qalet li ħadd mis-soċjetà attriċi ma ġie nfurmat b'din l-iskoperta min-naħa tal-kuntratturi. Ix-xhud kompliet tgħid li hija baqgħet ma ġietx infurmata mis-Sovritendenza jew minn Transport Malta jekk kinitx ġiet approvata bħala *archaeological monitor* tas-sit, u l-unika indikazzjoni li ngħatat li kienet ġiet aċċettata sabiex taħdem fuq is-sit kienet minn Nathaniel Cutajar fl-4 ta' Novembru, 2014. Ix-xhud qalet li Transport Malta kisret il-kundizzjonijiet tal-ftehim meta ippermettiet li wara l-31 ta' Ottubru, 2014 jitkomplew ix-xogħlijiet fuq is-sit tal-Coast Road meta ma kienx hemm arkeologu approvat inkarigat mis-sit. Qalet ukoll li l-*fougasse* instab u tnaddaf xi żmien wara l-31 ta' Ottubru, 2014, u dan ma kienx iseħħ li kieku s-soċjetà attriċi ġiet infurmata li x-xhud kienet ġiet approvata bħala *monitor* fuq dan il-proġett.

Il-kontro-eżami tal-**Perit Kylie Borg Marks** sar waqt l-udjenza tal-10 ta' Marzu, 2017[27], fejn ix-xhud ippreżentat kopja ta' ittra tas-6 ta' Novembru, 2014[28], li

[27] *A fol.* 255 tal-proċess.
[28] *A fol.* 259 tal-proċess.

permezz tagħha l-awtorità konvenuta ġiet infurmata mis-Sovritendenza li s-sejba li kienet saret fuq is-sit għandha valur arkeoloġiku, u li xi oġġetti li nstabu fil-*fougasse* ġew imċaqalqa mis-sit oriġinali li nstabu fih, u għalhekk la Edward Calleja u lanqas Marian Rosato ma kellhom jagħmlu xogħol ta' monitoraġġ fuq is-sit. Ix-xhud ippreżentat ukoll kopja ta' ittra tas-27 ta' Novembru, 2014[29], li ntbagħtet lill-awtorità konvenuta mis-Sovritendenza tal-Patrimonju Kulturali, fejn Transport Malta ntalbet tagħti l-kummenti tagħha wara li nstab li l-iskoperta tal-*fougasse* ma kinitx ġiet notifikata lis-Sovritendenza, u għalhekk iċ-ċirkostanzi tas-sejba tagħha ma ġewx irreġistrati kif titlob il-liġi, kif ukoll għax ġie stabbilit li d-depożiti arkeoloġiċi li kien hemm fil-*fougasse* ġew imċaqalqa mill-post fejn instabu, kif ukoll għax ġie stabbilit li sar xogħol fuq il-proġett waqt li l-*monitors* kienu assenti minn fuq is-sit.

Ix-xhud qalet ukoll li sal-ġurnata meta hija tat id-depożizzjoni tagħha, is-soċjetà attriċi kienet tħallset is-somma ta' sebgħa u sittin elf, sitt mija u tlieta u tletin Euro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€67,633.43) bil-VAT inkluż, għax-xogħol li kienet wettqet b'rabta mal-imsemmi proġett. Ix-xhud qalet ukoll li Marian Rosado qatt ma tqabbdet tagħmel xi xogħol minn Transport Malta, u kwalsiasi tibdil ta' esperti li kellhom jaħdmu fuq il-kuntratt ikun jirrikjedi l-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Kuntratti. Ix-xhud spjegat li l-kuntratt kien ġie ffirmat bejn is-soċjetà attriċi u d-Dipartiment tal-Kuntratti, filwaqt li Transport Malta kienet il-*contracting authority,* jew l-awtorità li tqabbdet sabiex tissorvelja x-xogħol u timmaniġġja dan il-kuntratt f'isem id-Dipartiment tal-Kuntratti. Ix-xhud kompliet tispjega li isem wieħed mill-*key experts,* dak ta' Edward Calleja, kien imniżżel fil-kuntratt. Qalet li kwalunkwe tibdil fil-kuntratt irid isir bil-kunsens tad-Dipartiment tal-Kuntratti, wara talba appożita għall-

[29] *A fol.* 260 tal-proċess.

awtorizzazzjoni ta' tali tibdil. Żiedet tgħid li f'każ sensittiv bħal dan, tiġi infurmata wkoll is-Sovritendenza tal-Patrimonju Kulturali, u s-Sovritendenza wkoll trid tagħti n-*no objection* tagħha għal tali tibdil. Ix-xhud qalet li hekk kif tingħata n-*no objection* tas-Sovritendenza, Transport Malta tinforma b'dan lid-Dipartiment tal-Kuntratti, bir-rakkomandazzjoni tagħha favur jew kontra tali tibdil għall-kuntratt. Ix-xhud kompliet tispjega li wara li jkun hemm tali rakkomandazzjoni, id-Dipartiment tal-Kuntratti jagħmel proċess separat fejn janalizza t-talba ta' Transport Malta, u jaħtar bord li jiddeċiedi dwar it-talba. Ix-xhud qalet li f'każ li t-talba u r-rakkomandazzjoni ta' Transport Malta jintlaqgħu, isir *addendum* mal-kuntratt u dak it-tibdil jiġi formalizzat. Hija kompliet tispjega li r-rakkomandazzjoni ssir wara li jkun hemm riċerka li ssir fuq perijodu ta' żmien, għalkemm żiedet tgħid li f'dan il-każ ir-rakkomandazzjoni da parti ta' Transport Malta ma laħqitx saret kif kien maħsub. Ix-xhud kompliet tgħid li skont il-kuntratt CT 3040/2013, is-soċjetà attriċi kienet il-kumpannija responsabbli għax-xogħol kollu ta' monitoraġġ li kellu jsir. Qalet li l-kuntratt jispeċifika wkoll li f'każ ta' tibdil fil-kuntratt, Transport Malta tkun trid tiġi mgħarrfa *well in advance.* Hija żiedet tgħid li kien biss fl-24 ta' Ottubru, 2014 li Transport Malta ġiet infurmata li Edward Calleja kien ser jitlaq mill-impjieg li kellu mas-soċjetà attriċi, u li minfloku kienet qiegħda tiġi proposta Marian Rosado. Ix-xhud qalet li għall-awtorità konvenuta, sal-5 ta' Novembru, 2014 is-soċjetà attriċi kienet għadha responsabbli mill-monitoraġġ tas-sit, anki jekk Transport Malta kienet ġiet notifikata li l-*key expert* kien ser jitlaq mill-impjieg tiegħu mas-soċjetà attriċi. Fi kliem ix-xhud:

> "Ħa jirriżenja ma jfissirx li ħa jitlaq mill-kuntratt. Ħa jirriżenja mill-kumpannija AIS Environmental Limited. Sakemm isir iċ-*changing key expert* formali, wieħed jippretendi li dak li kien marbut b'kuntratt bil-firma, *binding contract,* wieħed irid

jibqa' sakemm isir it-tibdil formali. Ma tistax tippretendi li għax wieħed telaq minn kumpannija, mela dan telaq u l-kumpannija AIS mhu ħa tagħmel xejn dwarha din."

Permezz ta' nota tal-10 ta' Marzu, 2017, is-soċjetà attriċi nfurmat lill-Qorti li kontestwalment ma' dawn il-proċeduri, hija kienet fetħet ukoll kawża fil-konfront ta' Edward Calleja[30], kif ukoll kontra s-Sovritendenza tal-Patrimonju Kulturali.[31] Is-soċjetà attriċi qalet li fil-kors ta' dawn il-proċeduri kienu xehdu fost l-oħrajn il-**Perit Kylie Borg Marks** u **Mevrick Spiteri**, u in vista tal-fatt li qieset id-depożizzjoni tagħhom bħala rilevanti għall-kawża odjerna, esebiet it-traskrizzjoni tax-xhieda tagħhom fl-atti ta' din il-kawża.[32]

Mit-traskrizzjoni tax-xhieda mogħtija mill-**Perit Kylie Borg Marks** waqt l-udjenza tad-9 ta' Frar, 2016[33] u li ġiet ippreżentata mis-soċjetà attriċi bħala parti mill-provi tagħha f'dawn il-proċeduri, jirriżulta li x-xogħol fuq il-proġett tal-Coast Road kien kopert minn diversi permessi tal-MEPA, u Transport Malta kienet ħarġet sejħa għall-offerti permezz tad-Dipartiment tal-Kuntratti għal servizzi ta' monitoraġġ ambjentali u arkeoloġiku fuq is-sit. Ix-xhud spjegat li dan kien *service contract,* li jfisser li l-kumpannija li tirbaħ il-kuntratt ikollha numru ta' *key experts* u timijiet li jagħtu appoġġ lill-*key experts* tax-xogħlijiet. Qalet li Edward Calleja kien il-*key expert* approvat għall-monitoraġġ arkeoloġiku li kien meħtieġ li jsir fuq is-sit, u taħtu dan kellu numru ta' persuni, li lkoll kienu qegħdin jaħdmu għas-soċjetà attriċi. Ix-xhud qalet li waqt li kien qiegħed isir xogħol taħt dan il-kuntratt, ġie innutat tibdil li Transport Malta ma kinitx ġiet infurmat bih, fosthom it-tibdil ta' wieħed mill-i*specialist consultants* li kien qiegħed jaħdem fil-qasam ambjentali, liema tibdil

[30] Rikors Maħluf numru 245/2015.
[31] Rikors Maħluf numru 652/2015.
[32] *A fol.* 264 sa 378 tal-proċess.
[33] *A fol.* 264 tal-proċess, Rikors Maħluf numru 245/2015.

Transport Malta ma kinitx ġiet infurmata bih. Ix-xhud qalet li kien biss f'Ottubru 2014 li s-soċjetà attriċi nfurmat lil Transport Malta li dan l-impjegat, identifikat bħala Mark Zammit, kien telaq minn magħha f'Awwissu 2014, u fl-istess *email* is-soċjetà attriċi nfurmat lil Transport Malta wkoll bit-tluq ta' Edward Calleja mill-impjieg magħha, li kien ser iseħħ xi sitt ijiem wara. Ix-xhud spjegat kif is-sejħa għall-offerti kienet inħarġet mid-Dipartiment tal-Kuntratti, u għalhekk kwalunkwe tibdil kellu jiġi approvat minn dan id-Dipartiment u mhux minn Transport Malta. Ix-xhud qalet li f'dan iż-żmien ukoll Transport Malta bdiet tosserva li kien hemm diversi ksur ieħor tal-ftehim li hija kellha mas-soċjetà attriċi. Ix-xhud kompliet tispjega li Edward Calleja kien il-*key expert* li fuqu kienu miktubin it-*terms of reference* tas-Sovrintendenza, u f'dan ir-rwol, Calleja kellu obbligu jiġbor data mis-sit u jħejji informazzjoni u rapporti relattivi għas-Sovrintendenza. Il-Perit Kylie Borg spjegat li min-naħa ta' Transport Malta issir verifika mas-Sovrintendenza li l-arkeologu inkarigat mis-sit ikun għamel ix-xogħol li kellu jagħmel, li s-sit ġie spezzjonat, li r-rapporti ddaħħlu fil-ħin, u li l-kuntratt ikun qiegħed jiġi esegwit. Ix-xhud kompliet tispjega li Transport Malta ġiet infurmata li fuq is-sit instab *feature* ta' rilevanza arkeoloġika magħruf bħala *fougasse,* li kien diġà tnaddaf u li kien ġie espost fil-5 ta' Novembru, 2014. Qalet li din l-informazzjoni twasslet lil Transport Malta permezz ta' *email* li ntbagħtet lis-Sovrintendenza mill-arkeologa Marian Rosado li ġiet maħtura mis-soċjetà attriċi sabiex tkompli x-xogħol li kien ħalla Edward Calleja, u s-Sovrintendenza kienet ilmentat li din il-kwistjoni ma ġietx ittrattata b'mod sew mis-soċjetà attriċi. Ix-xhud spjegat kif Transport Malta ġiet infurmata fl-24 ta' Ottubru, 2014 li Edward Calleja kellu jibqa' jaħdem mas-soċjetà attriċi sal-31 ta' Ottubru, 2014, u għalhekk kien hemm dan il-perijodu ta' ħames jew sitt ijiem bejn dakinhar li Edward Calleja

kien spiċċa mill-impjieg tiegħu mas-soċjetà attriċi, u dakinhar meta Transport Malta ġiet infurmata li kien instab dan il-*fougasse.* Ix-xhud ma setgħetx tippreċiża kemm ittieħed żmien biex tnaddfet din il-*feature,* li hija speċi ta' ħofra kbira fl-art.

Traskrizzjoni oħra li ġiet ippreżentata mis-soċjetà attriċi fl-atti ta' dawn il-proċeduri, kienet dik tal-udjenza tal-11 ta' Marzu, 2016, fejn xehed **Mevrick Spiteri**, *executive* mas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali[34], li qal li Edward Calleja kien magħruf mis-Sovrintendenza bħala arkeologu *freelance,* tant hu hekk kien wieħed mill-arkeologi li jidher fuq lista kkompilata mis-Sovrintendenza sabiex ikun jista' jitqabbad fuq proġetti varji li jkunu qegħdin isiru madwar il-pajjiż. Ix-xhud qal li meta beda l-proġett tal-Coast Road, Calleja kien il-*key archaeological monitor* tal-proġett u kien qiegħed jaħdem mas-soċjetà attriċi fuq dan il-proġett għall-perijodu bejn April tal-2014 sal-aħħar ta' Ottubru tal-istess sena. Ix-xhud spjega kif f'Ottubru ta' dik is-sena, is-soċjetà attriċi kienet infurmat lil Transport Malta li kienet qiegħda tibdel il-*monitor* u tissostitwixxi lil Marian Rosando minfloku, peress li Edward Calleja ma kienx ser jibqa' jaħdem magħha. Ix-xhud spjega kif minkejja li s-Sovrintendenza ma tkunx parti fil-kuntratti u fis-sejħiet għall-offerti li jinħarġu, xorta waħda tkun trid tapprova l-*monitors* li jkunu qegħdin jaħdmu fuq is-sit. Qal li kull żviluppatur irid jinforma lis-Sovrintendenza bl-*archaeological monitor* li jkun qiegħed jingaġġa, sabiex is-Sovrintendenza tkun tista' tapprovah. Spjega li hekk kif Transport Malta kienet infurmat lis-Sovrintendenza li Marian Rosando kienet ser tagħmel xogħol ta' *monitor* fuq il-proġett, is-Sovrintendenza kienet approvatha. Żied jgħid li fl-ewwel ġimgħa ta' Novembru kien hemm skoperta arkeoloġika fil-Coast Road, u minn investigazzjoni li saret irriżulta li dak il-ħin

[34] A fol. 274 tal-proċess, Rikors Maħluf Numru 245/2015.

ma kienx hemm *monitor* fuq is-sit, tant hu hekk meta s-Sovrintendenza saret taf li kien instab *fougasse* fl-inħawi, is-sit kien diġà tnaddaf. Mevrick Spiteri qal li min-naħa tas-Sovrintendenza bdew l-investigazzjonijiet sabiex jiġi stabbilit x'kien ġara u għalfejn din l-iskoperta ma ġietx notifikata lilhom qabel. F'dan ir-rigward saret ukoll investigazzjoni dwar is-soċjetà attriċi għax irriżulta li kien hemm nuqqasijiet min-naħa tagħha, u s-Sovrintendenza rrakkomandat li s-soċjetà attriċi m'għandhiex tkompli bil-*monitoring* tal-proġett. Ix-xhud spjega kif meta s-soċjetà attriċi twaqqfet milli tkompli bix-xogħol tagħha fuq dan il-proġett, is-Sovrintendenza kienet innominat arkeologu ieħor mil-lista ta' arkeologi approvati, għalkemm din il-persuna kienet waqfet wara perijodu ta' madwar xahrejn, meta imbagħad reġa' daħal fuq il-proġett Edward Calleja. Ix-xhud spjega li hekk kif is-Sovrintendenza jkollha konferma dwar min hu l-*monitor,* din toħroġ it-*terms of reference* dwar kif għandu jiġi esegwit ix-xogħol sat-tmiem tal-proġett.

Traskrizzjoni oħra li ġiet esebita mis-soċjetà attriċi hija dik tal-udjenza tal-4 ta' Ottubru, 2016, fejn kien xehed **Edward Calleja**[35], li qal li hu kien iggradwa bħala arkeologu mill-Università ta' Malta fl-2003, u mill-ewwel beda jaħdem bħala *freelance archaeologist* fuq proġetti ta' toroq, skavar u *surveys.* Qal li s-soċjetà attriċi l-aktar li kienet mixħuta kien fuq konsulenzi ambjentali, u kien hemm drabi meta kien ġie avviċinat minnha sabiex jagħti konsulenza fuq proġetti li kienet ser taħdem fuqhom is-soċjetà attriċi. Żied jgħid li xi snin wara kien avviċinah l-Inġinier Mario Schembri, li hu d-direttur tas-soċjetà attriċi, li kien talbu sabiex jibdew jikkollaboraw aktar mill-qrib, u dak iż-żmien hu kien aċċetta li jaħdem mas-soċjetà attriċi bil-kundizzjoni li jibdew jaħdmu miegħu ukoll għadd ta' persuni li sa dakinhar kienu jaħdmu miegħu fuq bażi *freelance,*

[35] A fol. 280 tal-proċess, Rikors Maħluf Numru 245/2015.

sabiex kemm jista' jkun l-impjieg tagħhom jiġi mħares. Qal li l-arranġament li kellu mas-soċjetà attriċi kien li jiġi ffurmat dipartiment tal-arkeoloġija fi ħdanha, jiżviluppah, u wara xi żmien hu jidħol jaħdem *full-time* mal-istess kumpannija. Fix-xhieda tiegħu Edward Calleja spjega li fiż-żmien meta huwa ttermina l-impjieg li kellu mas-soċjetà attriċi, hu kien qiegħed jaħdem fuq żewġ proġetti, taċ-Ċittadella, Għawdex, u l-proġett tal-Coast Road. Qal li hu kellu diversi persuni jassistuh fuq il-proġett tal-Coast Road, medda ta' toroq li tkopri aktar minn seba' kilometri. Ix-xhud qal li kif informa lis-soċjetà attriċi li kien ser jirriżenja minn magħha, hu kien intalab jagħlaq xi proġetti li kienu ħadmu fuqhom persuni li kienu telqu minn mal-kumpannija fix-xhur ta' qabel, kif ukoll intalab jagħti *handover* fir-rigward tax-xogħol li kien qiegħed jagħmel hu fuq il-proġett tal-Coast Road. Qal li fiż-żmien meta kien qiegħed jaħdem in-*notice* tiegħu, bdew isiru laqgħat interni bejn id-diretturi u persuni oħra impjegati mas-soċjetà attriċi, u hu ma bediex jiġi msejjaħ għal dawn il-laqgħat. Qal li sat-tielet ġimgħa ta' Ottubru hu ma baqax imur personalment fuq is-siti, sabiex ikun jista' jagħlaq xogħol ieħor li kellu mibdi, u f'dak iż-żmien is-soċjetà attriċi kienet infurmat lil Transport Malta u lis-Sovrintendenza li hu ma kienx ser jibqa' jieħu ħsieb il-proġett tal-Coast Road u li kienet ser tiġi nnominata persuna oħra minfloku. Qal li fil-ġranet ta' wara li telaq mill-impjieg li kellu mas-soċjetà attriċi, huwa kien fetaħ kumpannija bl-isem ECA Consultants Limited, u beda jiffoka fuq il-ftuħ ta' uffiċċju ġdid, għalkemm f'dak il-perijodu ma kienx qiegħed jaċċetta xogħol. Żied jgħid li f'dawn l-ewwel jiem minn meta telaq minn mas-soċjetà attriċi, hu kien ġie infurmat li s-Sovrintendenza kienet fetħet investigazzjoni wara li fuq is-sit tal-Coast Road kien instab *fougasse* u kienet saritlu l-ħsara għax is-Sovrintendenza ma ġietx infurmata immedjatament bis-sejbien tiegħu. Żied jgħid li din l-investigazzjoni kienet

tinvolvi lilu, lil Marian Rosado li kienet l-arkeologa li daħlet fil-proġett minfloku, u lis-soċjetà attriċi. Ix-xhud kompla jgħid li hekk kif ġie nfurmat b'din l-investigazzjoni, huwa bagħat ittra lis-Sovrintendenza sabiex jispjega x'kien ġara, u wara xi jiem huwa kien ġie infurmat li kien ġie meħlus mill-iskop tal-investigazzjoni tas-Sovrintendenza. Ix-xhud qal li Marian Rosando u s-soċjetà attriċi kienu ġew sospiżi milli jkomplu bix-xogħol fuq dan il-proġett għal perijodu ta' xahar, u Transport Malta u s-Sovrintendenza kienu sabu tliet arkeologi oħra sabiex jaħdmu fuq dan il-proġett, għalkemm dawn irriżenjaw wara ftit. Qal li fl-ewwel ġimgħa ta' Jannar tal-2015, huwa kien ġie avviċinat minn Transport Malta wara li din ġiet infurmata mis-Sovrintendenza li hu kien ġie meħlus mill-investigazzjoni li kienet saret, u hu kien intgħażel minħabba fis-snin twal ta' esperjenza li kellu fil-monitoraġġ tat-toroq. Żied jgħid li kien is-CEO ta' Transport Malta stess li avviċinah sabiex ikompli jaħdem fuq dan il-proġett partikolari. Ix-xhud qal li l-informazzjoni li ngħata dak iż-żmien kienet li s-soċjetà attriċi ġiet sospiża milli tkompli bix-xogħol fuq il-proġett, u l-arkeologa mqabbda mis-soċjetà attriċi wkoll kienet ġiet sospiża. It-tliet arkeologi li komplew bix-xogħol fuq il-proġett u li kienu ntgħażlu minn Transport Malta kienu rriżenjaw wara ftit, u għalhekk minħabba fl-importanza u l-entità ta' dan il-proġett, kien ġie deċiż li x-xhud kellu jidħol sabiex ikompli jaħdem fuq il-proġett.

Traskrizzjoni oħra esebita fl-atti ta' din il-kawża hija dik tax-xhieda ta' **Edward Calleja**, mogħtija waqt l-udjenza tat-30 ta' Jannar, 2017[36], fejn ix-xhud kien spjega li x-xogħol li jagħmel hu jinvolvi monitoraġġ ta' proġetti pubbliċi u privati, minħabba li fit-territorju Malti hawn diversi żoni meqjusa li huma ta' importanza arkeoloġika. Qal li x-xogħol tal-arkeologu fuq sit partikolari jibda

[36] A fol. 290 tal-proċess, Rikors Maħluf numru 245/2015.

saħansitra qabel il-bidu tal-proġett innifsu, u għalhekk dan diġà jkun familjari mal-proġett fil-fażi preliminari tiegħu. Ix-xhud qal li l-arkeologu jrid ikun preżenti fuq is-sit minħabba li hemm *deliverables* li jridu jiġu onorati fit-termini ta’ żmien miftiehma, u jekk ma jkunx hemm arkeologu jaħdem fuq is-sit, il-proġett ma jkunx jista’ jibda jew jitkompla. Fix-xhieda tiegħu Edward Calleja qal li meta ffirma l-kuntratt ta’ impjieg mas-soċjetà attriċi, kien hemm intenzjonijiet tajbin miż-żewġ naħat, u żied jgħid li meta s-soċjetà attriċi twaqqfet milli tkompli taħdem fuq il-proġett tal-Coast Road, hu qatt ma talab lil Transport Malta biex ikompli jaħdem hu fuq il-proġett. Qal li s-sitwazzjoni kienet li Transport Malta avviċinat tlieta min-nies u talbithom ikomplu l-proġett huma, iżda dawn kienu rriżenjaw wara xahrejn. Qal li f’dak iż-żmien kien hemm diversi *deadlines,* b’madwar disa’ kuntratturi jaħdmu fuq il-proġett tal-Coast Road, li ħadd minnhom ma seta’ jieqaf mix-xogħol. Qal li huwa kompla jaħdem fuq il-proġett tal-Coast Road minn nofs Jannar tal-2015 sal-aħħar ta’ Ottubru tal-2015, meta tlesta l-proġett. Spjega wkoll li filwaqt li l-kuntratt tiegħu kien jiġġedded minn xahar għal xahar, is-sospensjoni tas-soċjetà attriċi wkoll kienet operattiva fuq bażi ta’ minn xahar għal xahar, għalkemm kien hemm żmien meta kienet ġiet sospiża b’mod indefinit.

Is-soċjetà attriċi ppreżentat ukoll kopja tat-traskrizzjoni tax-xhieda tal-**Perit Sandra Magro**[37] mogħtija waqt l-udjenza tal-25 ta’ Jannar, 2017, li qalet li f’dan il-proġett hija kienet qiegħda tikkoordina d-diversi xogħlijiet li kienu qegħdin isiru. Din ix-xhud spjegat li t-triq inkwistjoni hija twila sebgħa punt tliet (7.3) kilometri, u qabel beda l-proġett it-triq ġiet immarkata f’*chainages,* kull tant metri. Qalet li fil-bidu ta’ Settembru, f’wieħed miċ-*chainages* kien instab għar, u l-*fougasse* inkwistjoni ġie skopert f’medda ta’ madwar għaxar

[37] *A fol.* 306 tal-proċess, Rikors Maħluf numru 652/2015.

metri bogħod minnu. Ix-xhud qalet li l-*fougasse* instab fil-5 ta' Novembru, 2014, u li fid-9 ta' Ottubru tal-istess sena Transport Malta kienet tat struzzjonijiet biex titnaddaf iż-żona. Din ix-xhud ikkonfermat li fit-3 ta' Novembru, 2014 sar xogħol ta' qtugħ ta' blat mill-ħaddiema ta' Bonnici Brothers miż-żona fejn kien instab il-*fougasse.*

Traskrizzjoni oħra ppreżentata mis-soċjetà attriċi kienet dik tax-xhieda ta' **Oliver Magro**, li xehed waqt l-udjenza tal-25 ta' Jannar, 2017[38], li qal li skont il-permess maħruġ mill-MEPA, Transport Malta kellha tqabbad konsulent sabiex jagħmel xogħol ta' monitoraġġ fuq is-sit. Ix-xhud qal li kienet ħarġet sejħa għall-offerti għal dan l-iskop, u t-*tender* għal dan ix-xogħol kien intrebaħ mis-soċjetà attriċi. Dan ix-xhud qal li l-MEPA ma kinitx intalbet tapprova s-sospensjoni tas-soċjetà attriċi mix-xogħol li kienet qiegħda tagħmel fuq is-sit.

Traskrizzjoni oħra ppreżentata mis-soċjetà attriċi kienet dik tax-xhieda ta' **Nathaniel Cutajar**[39], Deputat Sovrintendent fis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali, li kien xehed fit-12 ta' Mejju, 2016, li qal li fil-5 ta' Novembru, 2014 kien daħal rapport li fuq is-sit fejn kienu qegħdin isiru x-xogħlijiet inkwistjoni kien instab *feature* li kellu potenzjal ta' valur arkeoloġiku. Qal li meta uffiċjali tas-Sovrintendenza marru fuq is-sit, sabu li fil-fatt dan il-*feature* kien jikkonsisti minn struttura storika, *fougasse,* jew kanun maqtugħ fil-blat, li kien ilu mis-seklu tmintax, u li bħalu ma tantx hawn f'Malta, u għalhekk dan hu meqjus ta' valur storiku kbir. Qal li dan il-*feature* kien inkixef waqt ix-xogħol tal-Coast Road, u kienet saret ħsara lill-fdalijiet għax kien sar xi xogħol bil-gaffa fiż-żona fejn dan instab. Ix-xhud qal li fuq is-sit kien hemm *monitors* li

[38] *A fol.* 316 tal-proċess, Rikors Maħluf numru 652/2015.
[39] *A fol.* 323 tal-proċess, Rikors Maħluf numru 652/2015.

xogħolhom kien li jevitaw li ssir din it-tip ta' ħsara. Ix-xhud ikkonferma li r-rapport dwar din is-sejba kien sar minn Marian Rosado, impjegata bħala arkeologa mas-soċjetà attriċi. Dan ix-xhud ikkonferma wkoll li meta s-Sovrintendenza ġiet a konoxxenza tal-fatt li Edward Calleja kien irriżenja mill-impjieg tiegħu mas-soċjetà attriċi, huma kienu indikaw li ma kellhom ebda oġġezzjoni għall-ħatra ta' Marian Rosado fl-istess rwol. Ix-xhud qal però li l-approvazzjoni aħħarija għall-ħatra tal-*key monitors* tingħata minn Transport Malta.

Ġiet esebita wkoll kopja tat-traskrizzjoni tax-xhieda ta' **Maverick Spiteri**[40], li f'xhieda mogħtija minnu fil-15 ta' Marzu, 2016 qal li s-Sovrintendenza tkun trid tassigura li wara li jinħareġ permess għall-iżvilupp, jitqabbad arkeologu biex jimmonitorja x-xogħol, u jinħarġu t-termini ta' referenza bil-kundizzjonijiet ta' kif għandhom isiru x-xogħlijiet. Ix-xhud qal li Transport Malta kienet ordnat is-sospensjoni tas-soċjetà attriċi milli tkompli bix-xogħol fuq dan il-proġett mil-lat ta' monitoraġġ arkeoloġiku, u xi żmien wara l-istess xogħol kien beda jsir minn ECA Consultants, il-kumpannija li twaqqfet minn Edward Calleja. Ix-xhud ikkonferma li isem Marian Rosado jinsab fuq il-lista tal-persuni li jistgħu jaħdmu bħala arkeologi, u qal li min-naħa tas-Sovrintendenza din ġiet approvata sabiex tkompli hi bix-xogħol ta' monitoraġġ fuq dan il-proġett.

Il-kontro-eżami tal-**Perit Kylie Borg Marks** tkompla waqt l-udjenza tat-8 ta' Mejju, 2017, fejn qalet li hija kienet il-*project leader* fil-proġett tal-Coast Road, li kien proġett ko-finanzjat mill-Unjoni Ewropea, u spjegat li x-xogħol tagħha kien jirrikjedi li hija tirrappreżenta lill-klijent, f'dan il-każ Transport Malta, li

[40] *A fol.* 339 tal-proċess, Rikors Maħluf numru 652/2015.

kienet l-entità li ordnat ix-xogħol, u li tirrappreżenta l-proġett anki mal-entità li qed timmaniġġja l-flus, il-PPCD, fosthom li tiċċertifika l-pagamenti wara li jkunu vverifikati mit-tim kollu ta' nies li jkunu qegħdin jieħdu ħsieb il-proġett. Qalet li hija kienet tieħu ħsieb tikkomunika wkoll mal-kuntratturi, mas-*service providers,* kif ukoll mal-entitajiet l-oħra li kienu qegħdin jaħdmu fuq il-proġett, sabiex ix-xogħol jiġi ffaċilitat kemm jista' jkun. Ix-xhud qalet li s-soċjetà attriċi kienet intgħażlet biex tagħmel xogħol ta' monitoraġġ ambjentali u arkeoloġiku fuq il-proġett, u dawn is-servizzi ngħataw *ai termini* ta' kuntratt li ġie ffirmat bejn is-soċjetà attriċi u d-Dipartiment tal-Kuntratti. Żiedet tgħid li l-kuntratt huwa *service contract,* b'numru ta' *key experts* imsemmijin fuq il-kuntratt. Spjegat li *key expert* huwa persuna li jkun responsabbli, f'dan il-każ mill-monitoraġġ arkeoloġiku jew mill-monitoraġġ ambjentali, u dawn il-persuni ntgħażlu minn bord ta' persuni li aġġudikaw l-offerta minn fost l-offerti kollha li ġew sottomessi. Qalet li l-*key experts* iridu jkunu persuni b'ċerti kwalifiċi, skont it-termini tat-*tender document,* u huwa l-bord li jara l-offerti li jiġu sottomessi minn offerenti differenti. Hija kompliet tgħid li parti mill-proċess jinvolvi l-għażla ta' dawn il-*key experts* u tal-kumpannija li qed tipprovdihom u dawn in-nies jiġu mniżżla b'isimhom fil-kuntratt. Ix-xhud qalet li f'dan il-każ partikolari, Edward Calleja kien nominat bħala *key expert* mil-lat arkeoloġiku, jiġifieri dan l-espert kellu l-inkarigu li jara x-xogħol tal-kuntrattur kif kien għaddej, jieħu ħsieb jinnota xi *features* partikolari li jinstabu waqt it-tħaffir, jieħu deċiżjonijiet dwar ix-xogħol li jrid isir u jagħti struzzjonijiet partikolari fir-rigward, jitlob li jsiru aktar *surveys* f'każ li jara li hemm xi ħaġa li trid tiġi investigata f'aktar dettall, jikkomunika mas-Sovritendenza f'każ li jinstab xi *feature* sabiex jara din kif ser tiġi klassifikata, mistħarrġa, u dokumentata, u b'mod ġenerali jara li jittieħdu d-deċiżjonijiet li jkun hemm bżonn li jittieħdu.

Ix-xhud qalet li f'dawn il-każijiet, l-aħħar kelma dejjem tkun tas-Sovritendenza, u l-*monitor* ikun l-intermedjarju bejn il-klijent, f'dan il-każ Transport Malta, il-kuntrattur u s-Sovritendenza. Ix-xhud qalet li fil-każ tal-*key expert* għall-monitoraġġ ambjentali, ġie stabbilit li din kellha tkun Ruth Brincat Tabone, u din kellha grupp ta' nies jaħdmu taħt is-sorveljanza tagħha. Ix-xhud spjegat li r-rwol ta' dawn in-nies kien li jaraw kif kien ser ikun l-impatt tal-proġett fuq in-nies u fuq l-ambjent, il-flora u l-fawna tal-madwar. Qalet li l-*key expert* hu l-persuna inkarigat mix-xogħol u għalhekk ir-rapporti jridu jiġu *endorsed* minnu. Żiedet tgħid li kwalunkwe tibdil fil-kuntratt, inkluż tibdil fil-*key expert,* irid jiġi formalizzat permezz ta' *addendum* għall-kuntratt li jiġi ffirmat ukoll mid-Dipartiment tal-Kuntratti. Spjegat li l-proċedura għal tali tibdil tinvolvi talba formali fuq il-*letter head* tal-kumpannija, u l-firmatarju tal-kuntratt ikollu jiffirma għal tali talba. Ix-xhud kompliet tispjega li f'każ ta' tibdil fil-*key expert,* is-soċjetà attriċi kellha tissottometti prova tal-esperjenza tal-persuna l-ġdida u kull persuna proposta biex tagħmel xogħol fuq il-proġett irid ikollha l-istess livell ta' esperjenza u kwalifiki bħall-persuna li kien hemm qabel. Żiedet tgħid li wara li jiġu sottomessi tali talbiet, Transport Malta tkun trid tanalizza s-sottomissjoni u tara jekk din hix aċċettabbli jew le u r-rakkomandazzjoni ta' Transport Malta eventwalment tintbagħat lid-Dipartiment tal-Kuntratti, li għandu bord li janalizza tali rakkomandazzjonijiet. Ix-xhud qalet li finalment huwa l-bord li janalizza jekk talba għandhiex tiġi aċċettata jew le, u f'każ li t-talba tiġi aċċettata, jiġi ffirmat l-*addendum* għall-kuntratt. Ix-xhud kompliet tgħid li Transport Malta hija l-entità li kienet qed timmaniġġja dan il-kuntratt f'isem id-Dipartiment tal-Kuntratti, u għalhekk Transport Malta bilfors kellha tiġi infurmata, minħabba li l-kuntratt innfisu jispeċifika li trid issir din in-notifika sabiex il-kuntrattur ikollu l-konfort li t-talba tiegħu ġiet approvata. Ix-

xhud qalet li finalment kien meħtieġ li Tranport Malta tkun taf min huma n-nies li qed jirrappreżentaw lill-kuntratturi differenti, sabiex taċċerta ruħha li l-persuni kollha li ġie ffirmat kuntratt magħhom, qegħdin jagħmlu xogħolhom. Qalet li fil-każ tar-riżenja ta' Mark Zammit, dan kien *specialist consultant,* indikat bħala wieħed mill-persuni li kellu jaħdem taħt Ruth Brincat Tabone, u Transport Malta kienet ġiet infurmata li dan kien irriżenja minn mas-soċjetà attriċi fl-24 ta' Ottubru, 2014, mentri fil-verità din il-persuna kienet spiċċat mill-impjieg tagħha mas-soċjetà attriċi fit-8 ta' Awwissu, 2014. Ix-xhud qalet li n-notifika tat-tmiem tal-impjieg ta' Mark Zammit kellha tasal għand l-awtorità konvenuta qabel it-8 ta' Awwissu, 2014. Żiedet tgħid li minkejja li dan ma kienx għadu jifforma parti mit-tim tal-*key expert* Ruth Brincat Tabone, għal xi raġuni isem Mark Zammit baqa' jidher bħala parti minn dan it-tim anki wara li kien spiċċa mill-impjieg tiegħu mas-soċjetà attriċi. Żiedet tgħid li lanqas il-MEPA ma kienet ġiet infurmata li Mark Zammit ma kienx għadu qiegħed jimmonitorja s-sit. Ix-xhud qalet li Transport Malta eventwalment ġiet infurmata mis-soċjetà attriċi li post Mark Zammit kien ser jittieħed minn Edwin Lanfranco, għalkemm ir-rapporti baqgħu jiġu sottomessi mis-soċjetà attriċi b'isem Mark Zammit fuqhom. Ix-xhud żiedet tgħid li jekk Edwin Lanfranco kien qiegħed imur fuq is-sit minflok Mark Zammit, kien qiegħed jagħmel dan mingħajr l-approvazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti. Ix-xhud spjegat li s-sitwazzjoni kienet tali li jew kien hemm persuna li kienet fuq is-sit meta din ma kellhiex l-approvazzjoni li tkun hemmhekk, jew inkella ma kien hemm ħadd jagħmel il-monitoraġġ fuq is-sit. Ix-xhud kompliet tispjega li fil-5 ta' Novembru, 2014, l-awtorità konvenuta ġiet infurmata li dakinhar filgħodu, għall-ħabta tas-sebgħa u nofs jew it-tmienja, fis-sit kien instab *feature* li rriżulta li kien *fougasse.* Ix-xhud qalet li dan il-*feature* kien importanti ħafna

għas-Sovritendenza, u kien hemm ċertu proċeduri li kellhom jiġu segwiti, fosthom il-mod kif wieħed kellu jkompli jaħdem fuq dan is-sit, jekk is-sit għandux jitnaddaf u jekk l-oġġetti li nstabu għandhom jitneħħew jew jitħallewx fil-post. Qalet li wara li saret indaġni ulterjuri mill-awtorità konvenuta, ġie stabbilit li kien il-kuntrattur li ħadem fuq is-sit li naddaf il-materjal li kien hemm fil-*fougasse.* Ix-xhud qalet li s-soċjetà attriċi kellha tinduna b'dan il-fattur minn qabel beda x-xogħol ta' skavar fuq is-sit, u l-arkeologu inkarigat mis-sit kellu anki jwaqqaf lill-kuntrattur milli jkompli jaħdem fuq is-sit. Ix-xhud kompliet tgħid li għall-perijodu bejn l-20 ta' Ottubru u l-5 ta' Novembru, 2014 ma ġie dokumentat xejn mis-soċjetà attriċi dwar x'kien qiegħed jiġri f'dan is-sit. Ix-xhud qalet li l-fatt li baqa' għaddej ix-xogħol ta' skavar seta' jipperikola l-integrità tas-sejba arkeoloġika, minħabba li s-Sovritendenza riedet tistudja l-materjal li nstab fil-*fougasse* u tevalwa l-importanza kulturali tiegħu qabel ma dan tneħħa minn fuq is-sit. Ix-xhud qalet li d-Dipartiment tal-Kuntratti approva s-sospensjoni tal-proġett fl-4 ta' Novembru, 2014 għal perijodu ta' tletin ġurnata. Żiedet tgħid li dakinhar li kien instab il-*fougasse,* il-*monitors* tas-soċjetà attriċi kienu obbligati jkunu fuq is-sit u jagħmlu l-monitoraġġ meħtieġ. Qalet li dawn l-obbligi tas-soċjetà attriċi jirriżultaw mill-kuntratt, u dawn l-obbligi kellhom jiġu esegwiti mill-bidu tal-kuntratt sakemm dan ġie fi tmiemu.

Waqt l-udjenza tal-11 ta' Ottubru, 2017, sar il-kontro-eżami ta' **Mevrick Spiteri**[41]*,* li spjega li x-xogħol tiegħu jinvolvi monitoraġġ u regolarizzazzjoni f'każijiet ta' żvilupp. Ix-xhud spjega li hekk kif ħareġ il-permess għall-iżvilupp tal-Coast Road, min-naħa tas-Sovritendenza huwa kellu jsegwi x-xogħlijiet sabiex jassigura li x-xogħol kien miexi kif suppost mill-aspett ta' wirt kulturali.

[41] *A fol.* 400 tal-proċess.

Qal li l-monitoraġġ kellu jsir minn arkeologi li tqabbdu apposta sabiex jaħdmu fuq dan il-proġett. Kull meta jkun qiegħed isir xogħol ta' żvilupp f'żoni sensittivi fejn jistgħu jinstabu sejbiet antiki, jiġi ngaġġat arkeologu professjonali sabiex jiggwida x-xogħlijiet u jara li ma ssirx ħsara f'każ ta' xi sejba arkeoloġika. Qal li f'każ li l-*archaeological monitor* ikun ser jinbidel, is-Sovritendenza tiġi nfurmata b'dan mill-iżviluppatur. Ix-xhud qal li fl-24 ta' Ottubru, 2014, is-Sovritendenza kienet ġiet infurmata minn Transport Malta li Edward Calleja ma kienx ser jibqa' jagħmel xogħol ta' monitoraġġ fuq is-sit, u minflok Edward Calleja s-soċjetà attriċi kienet qiegħda tipproponi l-ħatra ta' Marian Rosado sabiex tagħmel xogħol ta' monitoraġġ fuq is-sit. Ix-xhud spjega li f'dan il-każ Transport Malta kienet l-iżviluppatur tas-sit, u din kienet l-entità li kellha tassigura li fuq is-sit ikun hemm il-ħin kollu persuna tagħmel xogħol ta' monitoraġġ. Qal li sakemm persuna jkollha isimha mniżżel fuq il-lista approvata mis-Sovritendenza, normalment ma jkunx hemm oġġezzjonijiet għall-ħatra tagħha bħala *monitor.* Ix-xhud qal li l-approvazzjoni ta' Marian Rosado ngħatat fid-29 ta' Ottubru, 2014, u kien fl-ewwel ġimgħa ta' Novembru li kien hemm skoperta arkeoloġika fuq is-sit. Qal li s-Sovritendenza ġiet infurmata b'dan permezz ta' rapport li bagħtet Marian Rosado stess fil-5 ta' Novembru, 2014, u dakinhar stess ġie kkonstatat ukoll li dan il-*fougasse* kien diġà tħammel. Ix-xhud qal li kieku kien hemm *monitor* fuq is-sit, dan kien iwaqqaf ix-xogħol fil-ħin sabiex jevita li ssir aktar ħsara fuq il-wirt kulturali. Ix-xhud qal li l-*monitor* kellu l-obbligu li jwaqqaf ix-xogħol li kien qiegħed isir mill-kuntrattur hekk kif saret l-iskoperta, u jinforma lis-Sovritendenza minnufih sabiex din tintervjeni bin-nies tagħha u tagħraf tagħmel l-interventi meħtieġa sabiex ma ssirx ħsara. Qal li wara l-5 ta' Novembru, 2014, is-Sovritendenza bdiet tagħmel l-investigazzjonijiet tagħha sabiex tistabbilixxi x'kien ġara, u

x'kienet ir-raġuni għalfejn kien hemm *monitor* assenti minn fuq is-sit waqt li x-xogħlijiet kienu għaddejjin. Ix-xhud qal li s-Sovritendent ħareġ tliet ittri, waħda lil Transport Malta, oħra lis-soċjetà attriċi, u oħra lil Edward Calleja, fejn intalbet spjegazzjoni dwar x'kien ġara. Ix-xhud żied jgħid li s-Sovritendenza ġiet infurmata li fiż-żmien meta saret din l-iskoperta, Edward Calleja ma kienx il-*monitor* inkarigat mill-proġett, u għalhekk is-sospensjoni li nħarġet fil-konfront tiegħu ġiet imneħħija. Qal li kien ġie stabbilit ukoll li kien hemm nuqqas min-naħa tas-soċjetà attriċi, li m'assiguratx li wara t-tluq ta' Edward Calleja jitkompla l-monitoraġġ tas-sit mingħajr interruzzjoni, u in vista ta' dan is-Sovritendenza għamlet rakkomandazzjoni fis-sens li s-soċjetà attriċi għandha tkun prekluża milli tkompli bix-xogħol fuq il-proġett.

Waqt l-udjenza tal-10 ta' Jannar 2018, sar il-kontro-eżami ta' **Marian Rosado**[42], li qalet li hija damet taħdem mas-soċjetà attriċi mill-2012 sal-2016, u fil-preżent hija m'għadhiex taħdem f'Malta. Ix-xhud qalet li l-arkeologu ewlieni li kien qiegħed jagħmel xogħol ta' monitoraġġ fuq is-sit tal-Coast Road kien Edward Calleja, u fil-ġranet ta' wara l-31 ta' Ottubru, 2014, l-aħħar ġurnata meta Edward Calleja ħadem mas-soċjetà attriċi, ma kien hemm ħadd li ġie approvat biex jaħdem bħala *key expert* fuq dan il-proġett. Ix-xhud qalet li l-ewwel darba li hija marret fuq is-sit fil-kapaċità tagħha ta' arkeologa, kien fil-5 ta' Novembru, 2014, wara li kien ġie ndikat lilha minn Nathaniel Cutajar li hija kienet ser tiġi approvata biex taħdem fuq dan il-proġett. Ix-xhud ikkonfermat li fil-perijodu bejn il-31 ta' Ottubru, 2014 u l-4 ta' Novembru, 2014 hija ma kinitx marret fuq is-sit tal-Coast Road, u żiedet tgħid li safejn taf hi ħadd mis-soċjetà attriċi ma kellu l-approvazzjonijiet meħtieġa biex ikun fuq is-sit. B'riferiment għal dak li qalet ix-xhud fl-*affidavit* tagħha, spjegat li meta l-

[42] *A fol.* 418 tal-proċess.

*fougasse* kien tnaddaf, dan kien ġie *"mishandled".* Ix-xhud qalet ukoll li qabel ma ndunat b'din is-sejba, ħadd mill-ħaddiema li kienu qegħdin jaħdmu fuq is-sit ma kien ikkuntattjaha u talab is-servizzi tagħha ta' arkeologu. Ix-xhud qalet ukoll li Edward Calleja kien ċemplilha fil-31 ta' Ottubru, 2014, l-aħħar ġurnata tax-xogħol tiegħu mas-soċjetà konvenuta, u ma kien qalilha xejn dwar din is-sejba. Ix-xhud qalet li fil-5 ta' Novembru, 2014 kienet hi l-persuna approvata mis-Sovrintendenza biex tkun fuq is-sit. Ix-xhud qalet ukoll li hi ma tafx jekk kinitx ġiet approvata minn Transport Malta biex tkun fuq is-sit, minħabba li m'għandha l-ebda korrispondenza uffiċjali f'dan ir-rigward. Ix-xhud ikkonkludiet billi qalet li minkejja li staqsiet lill-ħaddiema li kien hemm fuq is-sit dwar min kien li naddaf il-*fougasse,* dawn baqgħu ma tawha l-ebda risposta.

Waqt l-udjenza tal-31 ta' Jannar, 2015, sar il-kontro-eżami tal-**Inġinier Mario Schembri**[43], li qal li ilu jokkupa l-kariga ta' *managing director* tas-soċjetà attriċi għal madwar tlieta u għoxrin sena, u r-rwol tiegħu fil-proġett tal-Coast Road kien wieħed amministrattiv. Qal li x-xogħol tal-iżvilupp tat-triq kien qiegħed isir minn Transport Malta, u l-permess tal-iżvilupp kellu abbinat miegħu numru ta' kundizzjonijiet li kienu magħrufa anki fis-sejħa pubblika li kienet ħarġet. Żied jgħid li wieħed mill-obbligi ewlenin tas-soċjetà attriċi kien li f'każ li fuq is-sit ikun hemm xi sejbiet, dawn kellhom jiġu mgħarrfa lill-MEPA. Ix-xhud qal li x-xogħol ta' monitoraġġ beda f'Ġunju tal-2014 u ntemm fl-2015, għalkemm ma speċifikax f'liema xahar. Ix-xhud spjega r-rwoli differenti tad-diversi entitajiet involuti f'dan il-proġett billi qal:

> "... il-kuntratt kien *governed* minn żewġ *agreements.* Wieħed huwa l-kuntratt mad-*Department of Contracts* u l-ieħor *typed* li kien mal-MEPA u ma' Transport

[43] *A fol.* 452 tal-proċess.

> Malta u l-konsulent. Biex wieħed jifhem x'inhuwa l-funzjonijiet għalfejn żewġ kuntratti ... *typed.* Jiggverna l-obbligi li għandhom il-partijiet u f'dan il-każ, Transport Malta kienet il-parti tal-iżviluppaturi tal-*istretch* tal-Coast Road. Il-konsulent, aħna, qegħdin nimmonitorjaw illi x-xogħlijiet isiru abbażi tal-kondizzjoni stipulat. Il-MEPA u aħna, l-obbligu tagħna huwa illi nirraportaw lill-MEPA. Issa, ir-*role* tad-*Department of Contracts* tidħol għaliex il-kuntratt huwa ta' entità pubblika. Il-*fees* tat-*tender* kienu jaqbżu ċertu ammont għax kieku l-ammonti kienu iżgħar, Transport Malta ma kienx ikollha bżonn tirrikorri għad-*Department of Contracts,* però peress illi *regulation system* illi *beyond certain amount* irid ikun hemm *Department of Contracts,* dawn daħlu fix-xena."

Ix-xhud żied jgħid li s-soċjetà attriċi ma kellhiex obbligu tinforma lil xi waħda minn dawn l-entitajiet bit-tluq ta' Mark Zammit mill-impjieg magħha. B'riferiment għall-fatt li isem Mark Zammit baqa' jidher fuq uħud mir-rapporti minkejja li dawn ġew sottomessi fiż-żmien meta dan ma kienx għadu fl-impjieg mas-soċjetà attriċi, ix-xhud qal li Mark Zammit kien beda jaħdem fuq ir-rapporti li eventwalment ġew sottomessi lill-awtoritajiet wara t-tluq tiegħu mill-impjieg mas-soċjetà attriċi. Qal ukoll li wara t-tluq ta' Edward Calleja mill-impjieg tiegħu mas-soċjetà attriċi, esponenti tas-soċjetà attriċi kienu nfurmaw b'dan lil Transport Malta, u talbu li tiġi approvata Marian Rosado sabiex hija tkompli tagħmel ix-xogħol ta' monitoraġġ. Żied jgħid li kien f'dak iż-żmien li s-Sovrintendenza kienet infurmat lis-soċjetà attriċi li ma kellha ebda diffikultà bil-ħatra ta' Marian Rosado, iżda l-approvazzjoni finali għall-ħatra ta' din il-persuna kellha tingħata minn Transport Malta. Qal li minkejja li Transport Malta kienet taf li ma kien hemm ħadd li kien qiegħed jagħmel xogħol ta' monitoraġġ fuq is-sit, din naqset milli twaqqaf ix-xogħlijiet. Kompla jgħid li kien Nathaniel Cutajar mis-Sovrintendenza li talab lil Marian Rosado tmur fuq is-sit u tkompli bix-xogħol ta' sorveljanza hemmhekk, minħabba li x-xogħlijiet kienu tkomplew mingħajr ma kien hemm ħadd jagħmel il-monitoraġġ meħtieġ. Ix-xhud ikkonkluda billi qal li r-rapporti kollha, inklużi dawk fejn

jidher isem Mark Zammit, ġew sottomessi lill-awtoritajiet kompetenti, u s-soċjetà attriċi kienet tħallset tagħhom.

Permezz ta' nota tal-31 ta' Jannar, 2018, l-awtorità konvenuta ppreżentat kopja ta' ittra mibgħuta mill-Inġinier Mario Schembri lil Transport Malta fid-29 ta' Ottubru, 2014[44], fejn l-awtorità konvenuta kienet ġiet infurmata bir-riżenja ta' Edward Calleja mill-impjieg mas-soċjetà attriċi bħala *key archaeological expert,* u bil-fatt li Mark Zammit kien ġie sostitwit minn Edwin Lanfranco. F'din l-ittra ntqal ukoll li partijiet minn wieħed mir-rapporti li ġew ippreżentati lill-awtorità konvenuta ma kinux inkitbu minn Mark Zammit, li sadanittant kien laħaq irriżenja mill-impjieg tiegħu minn mas-soċjetà attriċi.[45]

Waqt l-udjenza tas-26 ta' Frar, 2018 xehed **Oliver Magro**, *senior officer* fil-*legal office* tal-Awtorità tal-Ippjanar[46], li kkonferma li r-relazzjoni bejn il-partijiet kienet regolata bi ftehim li kien ġie ffirmat minn Transport Malta, mill-Awtorità tal-Ippjanar u mis-soċjetà attriċi, u żied jgħid li l-Awtorità tal-Ippjanar ma kinitx ġiet infurmata li kien hemm xi sospensjoni tal-ftehim minħabba kwistjoni bejn is-soċjetà attriċi u Transport Malta. Ix-xhud ikkonferma li d-detentriċi tal-permess kienet Transport Malta, u skont it-termini tat-Tripartite Agreement, kienet l-Awtorità tal-Ippjanar li kellha l-awtorità li twaqqaf ix-xogħol fuq il-proġett. Żied jgħid li l-Awtorità tal-Ippjanar ma kellhiex kontroll fuq it-*tender* lil min jingħata u x'kundizzjonijiet ikollu allaċċjati miegħu, iżda l-Awtorità tal-Ippjanar tassigura li l-kundizzjonijiet tal-permess jiġu esegwiti. Ix-xhud qal ukoll li l-Awtorità tal-Ippjanar ma ġietx

[44] *A fol.* 458 tal-proċess.
[45] Kopja tar-rapport in kwistjoni esebit *a fol.* 460A tal-proċess.
[46] *A fol.* 482 tal-proċess.

infurmata li kien hemm xi sospensjoni tal-monitoraġġ, u Transport Malta kellha l-obbligu li tinforma b'dan lill-Awtorità tal-Ippjanar.

Waqt l-udjenza tat-8 ta' April, 2018, instemgħet ix-xhieda ta' **Thomas Paris,** *senior compliance and enforcement officer* fl-Awtorità tal-Ippjanar[47], li qal li l-proġett tal-Coast Road kien ġie approvat mill-Awtorità tal-Ippjanar, u waħda mill-kundizzjonijiet tal-permess kienet li fl-istadji kollha tax-xogħol jsir monitoraġġ tas-sit. Qal li huwa kien responsabbli sabiex jassigura li l-ftehim bejn il-MEPA, Transport Malta u l-*monitor* li kien ġie nnominat, kien qiegħed jiġi esegwit. Qal li f'każijiet bħal dawn tkun l-Awtorità tal-Ippjanar li tfassal it-termini tat-Tripartite Agreement. Ix-xhud żied jgħid li fl-24 ta' Ottubru, 2014, l-Awtorità tal-Ippjanar kienet ġiet infurmata b'ittra, li Transport Malta kienet bagħtet lis-soċjetà attriċi, fejn issemmiet il-kwistjoni li wieħed mill-*monitors* kien inbidel. Ix-xhud qal li s-soċjetà attriċi bagħtet risposta għal din l-ittra fid-29 ta' Ottubru, 2014, u abbażi ta' dik ir-risposta, Transport Malta sejħet laqgħa li nżammet fit-28 ta' Novembru, 2014. Ix-xhud qal li kien waqt din il-laqgħa li Transport Malta indikat li kien hemm il-possibilità li jiġi sospiż il-kuntratt li kien ġie ffirmat mad-Dipartiment tal-Kuntratti. Ix-xhud speċifika wkoll li kienet l-Awtorità tal-Ippjanar, li dak iż-żmien kellha l-jedd li titlob it-terminazzjoni jew is-sospensjoni tat-Tripartite Agreement. Wara dik il-laqgħa kienet anki ntbagħtet *email* lil Transport Malta fejn din ġiet infurmata li qabel ikun hemm terminazzjoni tal-ftehim, kellu jkun hemm in-nomina ta' *monitor* alternattiv li kellu jiġi approvat ukoll mill-Awtorità tal-Ippjanar. Ix-xhud żied jgħid li fil-5 ta' Novembru, 2014 kienet intbagħtet ittra oħra minn Transport Malta lis-soċjetà attriċi, fejn din tal-aħħar ġiet infurmata li l-kuntratt CT 3040/2013 kien qiegħed jiġi sospiż u t-Tripartite Agreement kien qiegħed

[47] *A fol.* 495 tal-proċess.

jitpoġġa *in abeyance.* Ix-xhud kompla jgħid li bejn l-10 u t-12 ta' Novembru, 2014, kien hemm korrispondenza bejn Transport Malta u l-Awtorità tal-Ippjanar, fejn dak iż-żmien Transport Malta kienet qiegħda tinsisti li t-Tripartite Agreement kellu jiġi tterminat. Ix-xhud qal li l-pożizzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar dakinhar kienet li kellu jingħata ċans sat-2 ta' Diċembru, 2014 biex is-soċjetà attriċi tinnomina arkeologa ġdida sabiex taħdem fuq dan il-proġett. Huwa żied jgħid li sa dakinhar l-Awtorità tal-Ippjanar kienet għadha ma ħaditx id-deċiżjoni li tissospendi jew tittermina t-Tripartite Agreement. Qal li l-Awtorità tal-Ippjanar ħarġet ittra fl-4 ta' Diċembru, 2014, fejn aċċettat il-*monitors* alternattivi proposti mis-soċjetà attriċi. Ix-xhud qal li s-soċjetà attriċi baqgħet iddaħħal ir-rapporti tagħha b'mod regolari, għajr għal żewġ rapporti li kienu neqsin, li kellhom ikopru l-perijodu bejn l-1 ta' Diċembru, 2014 u l-14 ta' Diċembru, 2014. Ix-xhud qal li dawn ir-rapporti normalment kienu jinkludu dettalji dwar liema stadju jkun wasal fih il-proġett, jekk kienx hemm xi ksur kontrattwali waqt il-kostruzzjoni jew waqt ix-xogħol li jkun qiegħed isir fuq il-proġett, u jsiru rakkomandazzjonijiet dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu. Ix-xhud qal li min-naħa tiegħu ma sab l-ebda korrispondenza dwar l-approvazzjoni tal-*monitors* alternattivi li ġew proposti mis-soċjetà attriċi. Ix-xhud ippreżenta għadd ta' dokumenti, fosthom kopja tat-Tripartite Agreement[48]; kopja ta' ittra li Transport Malta bagħtet lis-soċjetà attriċi fl-24 ta' Ottubru, 2014[49]; kopja tar-risposta li s-soċjetà attriċi bagħtet fid-29 ta' Ottubru, 2014[50]; kopja tal-*email* li l-MEPA bagħtet lil Transport Malta fil-31 ta' Ottubru, 2014[51]; kopja ta' ittra li Transport Malta bagħtet lid-Direttur Ġenerali

[48] *A fol.* 506 tal-proċess.
[49] *A fol.* 530 tal-proċess.
[50] *A fol.* 532 tal-proċess.
[51] *A fol.* 534 tal-proċess.

tal-Kuntratti fil-31 ta' Ottubru, 2014[52]; kopja ta' ittra li Transport Malta bagħtet lis-soċjetà attriċi fil-5 ta' Novembru, 2014[53]; dokument li Transport Malta bagħtet lill-MEPA fil-5 ta' Novembru, 2014[54]; korrispondenza li Transport Malta bagħtet lill-MEPA fl-10 u fit-12 ta' Novembru, 2014[55]; *email* mibgħuta mill-MEPA lil Transport Malta u lis-soċjetà attriċi fis-27 ta' Novembru, 2014[56]; in-nomina sottomessa mis-soċjetà attriċi fl-1 ta' Diċembru, 2014 bl-ismijiet ta' Dr Louis F. Cassar u ta' Ms Sarah Debono bħala *monitors* ġodda fl-oqsma tal-ekoloġija u tal-agrikoltura[57]; kif ukoll kopja tal-*acceptance letter* tal-MEPA bid-data tal-4 ta' Diċembru, 2014.[58]

Waqt l-udjenza tat-3 ta' Ottubru, 2018 xehed **Dr Franco Agius**, rappreżentant tad-Dipartiment tal-Kuntratti[59], li spjega li meta tinħareġ sejħa għall-offerti, l-awtorità kontraenti toħroġ ċerti kriterji marbuta mal-għażla, fosthom l-identifikazzjoni tal-*key experts* li huma parti integrali mill-proċess biex tintrebaħ is-sejħa għall-offerti. Qal li l-kuntrattur li jirbaħ is-sejħa, ikun obbligat li jipprovdi dawk l-esperti li jkun intrabat li jipprovdi fis-sejħa tiegħu. Ix-xhud spjega li l-bord li jagħmel l-aġġudikazzjoni jkun kompost minn ħames membri, u huwa l-bord li jagħmel l-evalwazzjoni tal-proċess kollu. Qal li sabiex ikun hemm bidla fil-*key expert,* il-kuntrattur irid jagħmel talba lill-awtorità kontraenti li għandha l-fakoltà li tagħmel rakkomandazzjonijiet lid-Direttur tal-Kuntratti dwar jekk jistax jinbidel il-*key expert* jew le, u l-approvazzjoni tad-Direttur tal-Kuntratti trid tingħata qabel jidħol fis-seħħ l-imsemmi tibdil. Ix-xhud qal li dawn it-tip ta' kuntratti jingħataw sabiex jiġi assigurat li fuq is-sit

52 *A fol.* 536 tal-proċess.
53 *A fol.* 542 tal-proċess.
54 *A fol.* 544 tal-proċess.
55 *A fol.* 546 tal-proċess.
56 *A fol.* 549 tal-proċess.
57 *A fol.* 551 tal-proċess.
58 *A fol.* 553 tal-proċess.
59 *A fol.* 557 tal-proċess.

ikun hemm persuni inkarigati jagħmlu xogħol ta' monitoraġġ, u f'dan il-każ irriżulta li kien sar xi xogħol mingħajr ma kien hemm il-*monitor* preżenti.

Permezz ta' nota tas-16 ta' Novembru, 2018, l-awtorità konvenuta ppreżentat kopja ta' ittra mibgħuta minn Dr Anthony Pace fil-5 ta' Jannar, 2015[60], fejn hemm elenkati n-nuqqasijiet kollha li sabet is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali meta tkomplew ix-xogħlijiet fiż-żona fejn instab il-*fougasse.*

Waqt l-udjenza tal-5 ta' Diċembru, 2018 xehed **Dr Anthony Pace**, li fiż-żmien rilevanti kien is-Sovrintendent tal-Patrimonju Kulturali[61], li qal li meta jkun hemm applikazzjoni għal żvilupp kbir, bħal ma kien il-proġett tal-Coast Road, issir applikazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar, u s-Sovrintendenza tintalab toħroġ it-termini ta' referenza sabiex isir monitoraġġ fuq is-sit. Ix-xhud qal li jekk fuq is-sit ikun hemm xi skoperta, l-*monitors* għandhom jinfurmaw b'dan lill-uffiċċju tas-Sovrintendent immedjatament. Ix-xhud qal li fil-5 ta' Novembru, 2014, l-uffiċċju tiegħu kien ġie mgħarraf bl-iskoperta li saret fuq is-sit, u hu kien mar fuq il-post sabiex jagħmel l-ispezzjonijiet tiegħu. Żied jgħid li *fougasse* bħal dak li nstab fuq is-sit imur lura għal żmien il-Kavallieri, u meta wasal fuq is-sit, il-*fougasse* kien diġà tnaddaf u skavat. Ix-xhud qal li x-xogħol kien sar minn ħaddiema tal-kuntrattur, u dan kien seħħ għax minkejja li fuq is-sit suppost li kien hemm *monitor,* fil-fatt ma kienx hemm. Ix-xhud kompla jgħid li hu ddeċieda li jissospendi x-xogħol b'mod immedjat, u dan minkejja li dak iż-żmien kien hemm ħafna pressjoni biex il-proġett tal-Coast Road jitlesta. Ix-xhud qal li fl-24 ta' Ottubru, 2014, l-uffiċċju tiegħu kien ġie nfurmat li kien ser ikun hemm tibdil fil-*monitor,* li dak iż-żmien kien Edward Calleja, u minfloku kienet ser tidħol Marian Rosado. Qal li wieħed mill-kollegi tiegħu,

60 *A fol.* 566 tal-proċess.
61 *A fol.* 580 tal-proċess.

Nathaniel Cutajar, kien indika lis-soċjetà attriċi li din il-*monitor* kienet qiegħda tiġi approvata min-naħa tagħhom. Kompla jgħid li min-naħa tagħhom baqgħu ma semgħu xejn sal-5 ta' Novembru, 2014, meta s-Sovrintendenza ġiet infurmata minn Marian Rosado stess li fuq is-sit kien instab il-*fougasse*. Ix-xhud qal li meta s-Sovrintendenza ppruvat tistabbilixxi x'kien ġara fuq is-sit, kienu waslu għall-konklużjoni li min-naħa tas-soċjetà attriċi kien hemm *mishandling* tal-proċess tal-*handing over* mingħand Edward Calleja lil Marian Rosado.

Waqt l-udjenza tal-5 ta' Diċembru, 2018 sar il-kontro-eżami ta' **Edward Calleja**[62], li qal li hu beda jaħdem mas-soċjetà attriċi fis-sena 2011, u li kien il-*key expert* fis-settur tal-arkeoloġija. Qal li x-xogħol ta' monitoraġġ fuq il-medda kollha tal-Coast Road sar kemm man-naħa tal-art kif ukoll man-naħa tal-baħar minħabba li matul it-triq kollha nstabu numru ta' fdalijiet arkeoloġiċi. Żied jgħid li l-preżenza ta' arkeologu fuq is-sit hija meħtieġa partikolarment meta jkun qiegħed isir it-tħammil tas-sit. Ix-xhud qal li huwa kien baqa' involut fuq dan il-proġett sal-aħħar ġurnata tal-impjieg tiegħu mas-soċjetà attriċi, u għamel l-aħħar spezzjoni tiegħu fl-24 ta' Ottubru, 2014. Qal ukoll li hu reġa' ġie nvolut f'dan il-proġett f'Jannar tal-2015, imma ma kien involut bl-ebda mod fl-iskoperta tal-*fougasse.* Ix-xhud speċifika li hu ta *handover* tax-xogħol li kien qiegħed jagħmel lil Marian Rosado, fuq talba speċifika ta' Mario Schembri. Ix-xhud qal li hu kien ta l-*handover* fuq numru ta' ġimgħat u Marian Rosado kienet l-aktar arkeologa ta' esperjenza fit-tim tiegħu. Qal ukoll li wara ċerta data l-*managing director* tas-soċjetà attriċi ma kienx baqa' jinvolvih fid-diskussjonijiet li kienu baqgħu jsiru b'rabta ma' dan il-proġett, u minflok beda jinvolvi persuni oħra. Żied jgħid li dan sar għaliex kien

[62] *A fol.* 587 tal-proċess.

hemm numru ta' proġetti oħra żgħar taħt idejh u li kellhom jingħalqu minnu qabel ma jtemm l-impjieg tiegħu mas-soċjetà attriċi. Ix-xhud spjega kif xi jiem wara kien ġie nfurmat minn Transport Malta li kien hemm vakanti l-post ta' *monitor* arkeoloġiku tal-proġett inkwistjoni, u kien intalab jitfa' l-*quotation* tiegħu f'dan ir-rigward. Żied jgħid li fil-ġranet ta' wara huwa kien ġie nfurmat li kien ġie sospiż minn fuq dan il-proġett, u eventwalment sar jaf li fuq is-sit kien ġie skopert *fougasse* u kienu nħarġu numru ta' sospensjonijiet f'dan ir-rigward. Ix-xhud qal li s-sospensjoni fil-konfront tiegħu ġiet imneħħija wara xi ġranet, u hu seta' jirritorna lura fuq is-sit fil-bidu ta' Jannar tal-2015. Ix-xhud ippreżenta għadd ta' dokumenti in sostenn tax-xhieda mogħtija minnu.[63]

Waqt l-udjenza tal-1 ta' Marzu, 2019, sar il-kontro-eżami tal-**Inġinier Mario Schembri**[64], li qal li l-kuntratt tat-3 ta' Ġunju, 2014 kien ġie ffirmat wara xhur ta' negozjati bejn il-partijiet, u minħabba pressjonijiet ta' żmien, is-soċjetà attriċi kienet intalbet tibda tipprovdi s-servizzi tagħha qabel ma kien ġie konkluż u ffirmat il-kuntratt. Ix-xhud qal li t-Tripartite Agreement ġie ffirmat mill-partijiet fil-kawża u mill-Awtorità tal-Ippjanar, u dan it-Tripartite Agreement kien jinkorpora fih il-kuntratt kummerċjali tat-3 ta' Ġunju, 2014. Żied jgħid li għalhekk dan il-kuntratt ma seta' qatt jitwaqqaf minn Transport Malta, u sabiex jitwaqqaf dan il-kuntratt kellha tkun involuta wkoll l-Awtorità tal-Ippjanar. Ix-xhud qal li x-xogħol fuq dan il-proġett mexa fuq żewġ binarji, il-monitoraġġ arkeoloġiku u l-monitoraġġ ambjentali, u s-soċjetà attriċi qatt ma waqqfet ix-xogħol ta' monitoraġġ ambjentali minkejja li ntalbet twaqqaf ix-xogħol minn Transport Malta. Qal li kieku s-soċjetà attriċi waqqfet dan ix-

[63] *A fol.* 597 *et seq.* tal-proċess.
[64] *A fol.* 603 tal-proċess.

xogħol, kienet tkun qiegħda tikser dak li kien ġie miftiehem permezz tat-Tripartite Agreement.

Waqt l-udjenza tat-3 ta' April, 2019, tkompla l-kontro-eżami tal-**Perit Kylie Borg Marks**[65], li qalet li apparti l-ħlas ta' €65,041.60 ma sar l-ebda ħlas ieħor mill-awtorità konvenuta lis-soċjetà attriċi. B'riferiment għad-dokument esebit *a fol.* 217 tal-proċess, ix-xhud spjegat li r-rata tal-ħlas kellha tkun ta' €295 + VAT għal kull rapport, u skont ir-*records* tal-awtorità konvenuta, is-soċjetà attriċi ppreżentat tmienja u sebgħin (78) rapport fuq tmienja u sebgħin ġimgħa, li sar il-ħlas tagħhom kollha minn Transport Malta. Ix-xhud kompliet tispjega li kuntratt bħal dan irid jiġi analizzat fid-dawl tal-*Public Procurement Regulations,* li jistipulaw li f'każ ta' varjazzjoni, jista' jsir ħlas minn Transport Malta f'każ li l-varjazzjoni ma tkunx teċċedi il-ħamsa fil-mija (5%) tal-valur tal-kuntratt. Ix-xhud qalet li kien hemm varjazzjoni fl-ammont ta' €8,460.60, li kien jeċċedi l-valur ta' ħamsa fil-mija (5%) tal-kuntratt. Qalet li in vista ta' dan id-Dipartiment tal-Kuntratti ma riedx jawtorizza l-ħlas lis-soċjetà attriċi, u għalhekk Transport Malta, bħala l-awtorità kontraenti, ma setgħetx tipproċedi bil-pagament. Ix-xhud speċifikat ukoll li t-tmienja u sebgħin (78) ġimgħa li rreferiet għalihom fix-xhieda tagħha, jkopru wkoll il-perijodu ta' sospensjoni tas-soċjetà attriċi mit-tmienja u għoxrin sas-sitta u tletin ġimgħa. Ix-xhud qalet li l-awtorità kontraenti ma tista' tiċċertifika l-ebda ħlasijiet għall-perijodu tas-sospensjoni. Qalet ukoll li minħabba fid-diversi varjazzjonijiet tal-kuntratt, il-valur tal-proġett ma baqax dak kif stipulat oriġinarjament, iżda ġie rivedut għal wieħed u disgħin elf, disa' mija u għaxar Euro u għoxrin ċenteżmu

[65] *A fol.* 612 tal-proċess.

(€91,910.20) inkluż il-VAT, li jfisser differenza ta' għoxrin elf, erba' mija u tlieta u sebgħin Euro (€20,473) minn dak li kien miftiehem oriġinarjament.[66]

## Konsiderazzjonijiet legali

Il-Qorti kkonsidrat id-diversi provi li ġew imressqa fid-dawl tat-talbiet attriċi u tal-eċċezzjonijiet imqajma mill-awtorità konvenuta. F'termini sempliċi, is-soċjetà attriċi istitwiet dawn il-proċeduri minħabba fi pretensjonijiet ta' ħlas li hija għandha fir-rigward ta' servizzi li ġew reżi minnha lill-awtorità konvenuta fuq medda ta' xhur, *ai termini* ta' ftehim kontrattwali li kellhom bejniethom il-partijiet. Is-soċjetà attriċi kienet ipparteċipat f'sejħa għall-offerti għall-provvista ta' servizzi ta' monitoraġġ arkeoloġiku u ambjentali fuq is-sit fejn kien qiegħed isir il-proġett tal-bini mill-ġdid minn Transport Malta tal-Coast Road, f'Baħar iċ-Ċagħaq, u meta pparteċipat f'din is-sejħa, is-soċjetà attriċi kienet tat dettalji tal-esperti ewlenin li hija kienet qiegħda tinnomina sabiex jaħdmu fuq dan il-proġett. Meta din is-sejħa ġiet aġġudikata minn bord maħtur mid-Dipartiment tal-Kuntratti għal dan l-iskop, l-partijiet kienu fformalizzaw il-ftehim ta' bejniethom bl-iffirmar ta' żewġ kuntratti separati, wieħed magħruf bħala CT 3040/2013, u l-ieħor magħruf bħala Tripartite Agreement, li fuqu dehret ukoll il-MEPA bħala firmatarja sabiex tassigura li Transport Malta tikkonforma mal-obbligi tagħha qua żviluppatur tal-proġett. F'dawn il-kuntratti ġew indikati l-ismijiet tal-esperti u tal-persuni ewlenin li kellhom jaħdmu fuq dan il-proġett, fosthom dawk ta' impjegati tas-soċjetà attriċi. Mill-provi jirriżulta li l-ismijiet tal-esperti li kellhom jaħdmu fuq dan il-proġett, kienu konsiderazzjoni ewlenija tal-bord li aġġudika s-sejħa għall-

[66] Dokument esebit *a fol.* 628 tal-proċess.

offerti u li ddeċieda li l-kuntratt ta' servizzi ta' monitoraġġ għandu jingħata lis-soċjetà attriċi. Kien minn ewl id-dinja għalhekk, li kwalunkwe tibdil fl-ismijiet tal-persuni li kellhom jaħdmu fuq dan il-proġett, kellu jiġi notifikat lill-awtorità konvenuta, anki sabiex f'ċerti każijiet dan it-tibdil jiġi rifless ukoll f'tibdil fil-kuntratti ffirmati mill-partijiet.

Mill-provi jirriżulta li l-ewwel darba li nġibdet l-attenzjoni tas-soċjetà attriċi għall-fatt li potenzjalment kien hemm ksur tal-kundizzjonijiet kontrattwali li jirregolaw il-ftehim bejn il-partijiet kien fil-5 ta' Novembru, 2014. Dakinhar, is-soċjetà attriċi ġiet infurmata minn Transport Malta li hija kienet qiegħda tiġi sospiża milli tkompli toffri s-servizzi tagħha ta' monitoraġġ ambjentali u arkeoloġiku għal perijodu ta' tletin ġurnata. Jirriżulta li fil-ġimgħat ta' qabel li inħarġet din is-sospensjoni, wieħed mill-impjegati tas-soċjetà attriċi li kien qiegħed jaħdem fuq dan il-proġett, Mark Zammit, kien irriżenja mill-impjieg li kellu mas-soċjetà attriċi, u wara li s-soċjetà attriċi ħatret persuna oħra biex tagħmel l-istess xogħol, isem Mark Zammit baqa' jidher fuq ir-rapporti li kultant żmien kienu jintbagħtu lil Transport Malta mis-soċjetà attriċi rigward ix-xogħol li kien qiegħed isir fuq dan il-proġett. Għad li Mark Zammit irriżenja mill-impjieg tiegħu mas-soċjetà attriċi f'Awwissu tal-2014, kien biss f'Ottubru tal-2014 li l-awtorità konvenuta ġiet infurmata b'dan. Barra minn hekk, wieħed mill-esperti ewlenin ingaġġati mis-soċjetà attriċi sabiex jagħmel xogħol ta' monitoraġġ arkeoloġiku fuq is-sit, Edward Calleja, iddeċieda wkoll li jirriżenja mill-impjieg li kellu mas-soċjetà attriċi b'effett mill-31 ta' Ottubru, 2014. L-awtorità konvenuta tikkontendi li minkejja li s-soċjetà attriċi kienet ilha taf bir-riżenja ta' Edward Calleja peress li dan kellu jaħdem in-*notice*, is-soċjetà attriċi infurmat lil Transport Malta bit-tluq ta' Calleja, wieħed mill-*key experts* tagħha, fl-24 ta' Ottubru, 2014, proprju sitt ijiem biss qabel ma

Edward Calleja kellu jispiċċa mill-impjieg tiegħu. L-awtorità konvenuta tgħid ukoll li minkejja li hija ġiet infurmata bir-riżenja ta' Edward Calleja fl-24 ta' Ottubru, 2014, is-soċjetà attriċi bħal donnu ppretendiet li l-konvenuta kellha tapprova b'mod immedjat lil Marian Rosado biex tkompli bix-xogħol ta' monitoraġġ li kien qiegħed jagħmel Edward Calleja. Jirriżulta mill-provi li oriġinarjament dawn kienu l-kwistjonijiet li wasslu lill-awtorità konvenuta tiġbed l-attenzjoni tas-soċjetà attriċi li kienet qiegħda tikser il-kundizzjonijiet kuntrattwali, u minħabba f'hekk is-soċjetà attriċi kienet ser tiġi sospiża mill-kuntratt.

Mil-provi jirriżulta wkoll li wara li fl-4 ta' Novembru, 2014 l-awtorità konvenuta kienet iddeċidiet li s-soċjetà attriċi kellha tiġi sospiża milli tkompli tagħti servizzi ta' monitoraġġ ambjentali u arkeoloġiku rigward il-proġett, fil-5 ta' Novembru, 2014, qabel ma s-soċjetà attriċi ġiet infurmata bis-sospensjoni, Marian Rosado, il-persuna li s-soċjetà attriċi pproponiet bħala *key expert* minflok Edward Calleja, marret fuq is-sit b'mod informali peress li sa dakinhar kienet għadha ma ġietx approvata bħala *key expert* minn Transport Malta. Jirriżulta li Marian Rosado kienet tkellmet ma' wieħed mill-uffiċjali tas-Sovrintendenza, Nathaniel Cutajar, li kien infurmaha li s-Sovrintendenza ma kellha l-ebda oġġezzjoni għall-ħatra tagħha bħala *monitor,* u talabha tmur fuq is-sit anki jekk b'mod informali, sabiex tissorvelja x-xogħol, peress li fil-perijodu bejn il-31 ta' Ottubru, 2014 u l-4 ta' Novembru, 2014, ix-xogħol fuq il-proġett kien tkompla minkejja li ma kienx hemm *monitor* fuq is-sit. Kien proprju fil-5 ta' Novembru, 2014, ftit wara s-sebgħa ta' filgħodu, li din l-istess Marian Rosado ndunat li fuq is-sit kien instab *fougasse,* u li madwaru kien tkompla x-xogħol ta' tħammil mill-ħaddiema tal-kuntrattur li kien qiegħed jagħmel ix-xogħlijiet. Fid-depożizzjoni tagħha Rosado qalet li meta ġiet

infurmata b'din l-iskoperta, hi kienet ixxukkjata, u minnufih għamlet rapport dwar din is-sejba lis-Sovrintendenza. Minkejja din l-azzjoni immedjata tagħha, il-*fougasse* kien laħaq tnaddaf, u l-integrità ta' din is-sejba ġiet mittiefsa, bl-oġġetti li nstabu li ġew elevati mis-sit u mxerrda mal-art fiż-żona.

Mill-verifiki li għamlet l-istess Rosado, irriżulta li l-aħħar darba li Edward Calleja, kien mar fuq is-sit bħala *key expert* ingaġġat mis-soċjetà attriċi, kien fl-24 ta' Ottubru, 2014. Dan l-espert ittermina l-impjieg tiegħu minn mas-soċjetà attriċi b'effett mill-31 ta' Ottubru, 2014. Sal-5 ta' Novembru, 2014, l-awtorità konvenuta kienet għadha ma tatx l-approvazzjoni tagħha għall-ħatra ta' Marian Rosado sabiex tieħu post Edward Calleja bħala *key expert*, u fil-5 ta' Novembru, 2014, Marian Rosado marret fuq is-sit b'mod informali wara li kienet intalbet tagħmel dan minn wieħed mill-uffiċjali tas-Sovrintendenza.

L-awtorità konvenuta ħadet il-pożizzjoni li s-soċjetà attriċi kienet taf li kellha l-obbligu kontrattwali li tipprovdi servizzi ta' monitoraġġ tul il-perijodu kollu tal-kuntratt, u minkejja r-riżenja ta' Edward Calleja, wieħed mill-impjegati ewlenin tagħha, din xorta waħda kellha l-obbligu kuntrattwali li tibqa' tipprovdi tali servizzi, sabiex is-sit ikun kopert b'servizzi ta' *monitor* il-ħin kollu. Jirriżulta wkoll li għall-perijodu bejn il-31 ta' Ottubru, 2014 u l-5 ta' Novembru, 2014 ma kien hemm l-ebda *key expert* approvat minn Transport Malta bħala *monitor* tas-sit. Ix-xhud Marian Rosado qalet li bejn l-aħħar dehra ta' Edward Calleja fuq is-sit u dakinhar li hija ġiet mgħarrfa bis-sejba tal-*fougasse,* ix-xogħol mill-kuntrattur mexa b'ritmu mgħaġġel ħafna, u x'aktarx li n-nuqqas ta' *monitor* fuq is-sit wassal biex il-ħaddiema tal-kuntrattur jaħdmu b'makkinarju li ma kellux jintuża f'dak is-sit partikolari, u ttieħdu deċiżjonijiet żbaljati li affettwaw l-integrità tas-sejba arkeoloġika li kien hemm. Kien minħabba

f'hekk, li wara li Marian Rosado rrappurtat is-sejba tal-*fougasse*, is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali ħadet il-pożizzjoni li s-soċjetà attriċi ma kellhiex tibqa' taħdem fuq is-sit, u talbet li jinstab servizz alternattiv għal dak ipprovdut mis-soċjetà attriċi. Fil-fatt kien hemm perijodu qasir ta' żmien fejn kemm is-soċjetà attriċi, kif ukoll Marian Rosado u Edward Calleja fil-kapaċità personali tagħhom, kienu ġew ipprojbiti mis-Sovrintendenza milli jkunu fuq is-sit tal-Coast Road.

Fix-xhieda tagħha il-Perit Kylie Borg Marks saħqet li minkejja li Edward Calleja rriżenja mill-impjieg tiegħu mas-soċjetà attriċi, xorta waħda s-soċjetà attriċi kienet marbuta b'obbligi kontrattwali li din kellha tonora, fosthom li tassigura li fuq is-sit ikun hemm kontinwità fil-monitoraġġ. Iżda s-soċjetà attriċi rribadiet għal dan billi qalet li sal-5 ta' Novembru, 2014, il-*key expert* indikata minnha kienet għadha ma ġietx approvata mill-awtorità konvenuta, u kien għalhekk din ma setgħetx tkun preżenti fuq is-sit. Kemm Marian Rosado kif ukoll l-Inġinier Mario Schembri, waqt id-depożizzjoni sostnew li bejn il-31 ta' Ottubru, 2014 u l-4 ta' Novembru, 2014, ħadd mis-soċjetà attriċi ma kien awtorizzat ikun fuq is-sit, u kienet l-awtorità konvenuta li naqset milli twaqqaf ix-xogħol tal-kuntrattur fuq is-sit meta kienet taf li ma kien hemm ħadd li qiegħed jipprovdi servizzi ta' monitoraġġ.

Il-Qorti tqis li f'ċirkostanzi bħal dawn, kien ikun ferm aħjar li Transport Malta ddeċidiet li tissospendi x-xogħlijiet fuq il-proġett sakemm jiġu approvati l-*key experts* kollha, minkejja l-pressjoni li seta' kien hemm sabiex il-proġett jitlesta f'qasir żmien, u dan sabiex tiġi evitata sitwazzjoni fejn il-ħaddiema tal-kuntrattur, f'każ ta' xi skoperta arkeoloġika fuq is-sit, ma jkollhomx lil min jirreferu, kif fil-fatt ġara.

Il-Qorti tqis li waħda mill-provi ewlenin li b'rabta mat-talbiet tas-soċjetà attriċi hija d-dokument li jinsab *a fol.* 217 tal-proċess. Is-soċjetà attriċi qiegħda titlob li l-awtorità konvenuta tiġi kkundannata tħallas is-somma ta' €20,260.60 għal servizzi ta' monitoraġġ arkeoloġiku li ġew ipprovduti minnha bejn Mejju u Settembru tal-2014, liema servizzi ġew ipprovduti mis-soċjetà attriċi ferm qabel ma hija kienet ġiet sospiża minn dan il-kuntratt. L-awtorità konvenuta wieġbet li tali servizzi ma ġewx reżi skont kif kien ġie pattwit fil-kuntratt CT 3040/2013. Iżda mill-provi ma jirriżultax li f'dan il-perijodu kien hemm xi sottomissjonijiet, dokumenti, rapporti jew dettalji li ma ġewx ipprovduti mis-soċjetà attriċi skont kif kien mifthiem, jew li għad illi l-ammont ta' sigħat li s-soċjetà attriċi qiegħda tippretendi l-ħlas tiegħu ma ġiex approvat mis-Sovrintendenza, l-imsemmi ħlas mhuwiex dovut lis-soċjetà attriċi. L-awtorità konvenuta ħadet il-pożizzjoni li:

> *"a part that is <u>not yet confirmed and not yet certified</u> since it is made up of the hours for investigations and this can only be confirmed once the Superintendence of Cultural Heritage (SCH) give TM the go-ahead that all information and documentation from AIS has been submitted. AIS have been informed previously that the SCH were still waiting for submissions from their end. Once all information and documentation is received from AIS, the SCH can then be in a better position to confirm that the hours for monitoring that are claimed by AIS correspond to the hours required to compile the data. Following receipt of this confirmation TM can then confirm the amount that can be certified for payment – the number of hours being claimed by AIS for archaeological works are 202 hours, valued at EUR 100.30 incl. VAT per hour, hence* ***amounting to a total value of €20,260.60 incl. VAT.*** *The documentation to be submitted covers works between May and September 2014."*

Il-Qorti tqis li minkejja li diversi uffiċjali tas-Sovrintendenza taw id-depożizzjoni tagħhom f'dawn il-proċeduri, ħadd minnhom ma qal li s-soċjetà attriċi naqset li tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa sabiex ikun jista' jsir il-kalkolu ta' kemm huwa l-ħlas dovut lilha. Il-Qorti m'għandha l-ebda raġuni

għal xiex tqis li s-soċjetà attriċi b'xi mod naqset milli taqdi l-inkarigu fdat lilha fil-perijodu bejn Mejju u Settembru 2014, u ma jirriżultax mill-provi li xi waħda mill-entitajiet li kienu nvoluti f'dan il-proġett ressqet xi forma ta' lanjanza fir-rigward tax-xogħol li kellu jsir mis-soċjetà attriċi fl-imsemmi perijodu.

Is-soċjetà attriċi qiegħda tippretendi wkoll il-ħlas ta' danni dovuta wara li l-awtorità konvenuta naqset milli tapprova lil Marian Rosado bħala *key expert* u *monitor* b'effett mill-31 ta' Ottubru, 2014 sal-lum, partikolarment għax wara l-5 ta' Novembru, 2014, is-servizzi ta' monitoraġġ arkeoloġiku li kienet toffri s-soċjetà attriċi ġew sospiżi imma mhux l-istess jista' jingħad fir-rigward tas-servizzi ta' monitoraġġ ambjentali. Mill-provi jirriżulta li minkejja li s-soċjetà attriċi kienet infurmat lill-awtorità konvenuta kif ukoll lis-Sovrintendenza li wara r-riżenja ta' Edward Calleja, hija kienet qiegħda tipproponi l-ħatra ta' Marian Rosado bħala *key expert* sabiex tkompli tagħmel xogħol ta' monitoraġġ fuq il-proġett, Rosado baqgħet ma ġietx approvata minn Transport Malta, bir-riżultat li kien hemm perijodu qasir ta' żmien fejn tkomplew ix-xogħlijiet fuq is-sit mingħajr ma kien hemm *monitor* arkeoloġiku biex jissorvelja x-xogħlijiet. Is-soċjetà attriċi ssostni li sofriet danni minħabba f'dan in-nuqqas ta' Transport Malta, li wassal biex meta nstab il-*fougasse,* ma kien hemm l-ebda *monitor* arkeoloġiku fuq is-sit, bil-konsegwenzi kollha li dan ġab miegħu. L-argument tas-soċjetà attriċi donnu li hu illi li kieku Transport Malta approvat lil Marian Rosado bħala *key expert* b'effett mill-31 ta' Ottubru, 2014 jew mill-1 ta' Novembru, 2014, il-*key expert* kienet tkun fuq is-sit meta saret l-iskoperta tal-*fougasse,* u ma kien ikun hemm l-ebda konsegwenza għal ħadd, għax din l-iskoperta kienet tiġi rappurtata lis-Sovrintendenza kif jitlob il-protokoll, u l-ħaddiema tal-kuntrattur kien ikollhom punt ta' riferiment li jiggwidahom dwar x'kellhom jagħmlu u kif kellhom jaħdmu. Iżda l-Qorti

mhijiex tal-istess fehma. Jirriżulta mill-provi li s-soċjetà attriċi kienet ilha taf madwar ħames ġimgħat bir-riżenja imminenti ta' Edward Calleja minn *key expert,* kif jirriżulta mix-xhieda tiegħu stess, u għalhekk ma kien hemm l-ebda raġuni għalfejn is-soċjetà attriċi tistenna proprju sal-aħħar ġimgħa li kien ser jaħdem Calleja biex tinforma lill-awtorità konvenuta bit-tluq imminenti mill-impjieg ta' wieħed mit-tekniċi ewlenin fuq il-kuntratt mertu ta' din il-kawża. Lanqas huwa raġonevoli li wieħed jistenna minn entità bħal m'hija Transport Malta, li f'temp ta' sitt ijiem tanalizza l-profil tal-persuna l-ġdida proposta mis-soċjetà attriċi, tapprovaha biex tkompli taħdem fuq il-proġett, tagħmel ir-rakkomandazzjonijiet lid-Dipartiment tal-Kuntratti, u tagħmel il-bidliet neċessarji fil-kuntratti li jirregolaw l-obbligi kuntrattwali tal-partijiet. L-unika ħaġa li jmissha għamlet Transport Malta kienet li tissospendi x-xogħlijiet kollha sakemm issir l-approvazzjoni tal-*key expert* il-ġdida, u mhux li f'temp ta' ftit ġranet tapprova lil din il-persuna, kif donnha ppretendiet is-soċjetà attriċi. Il-Qorti tqis li kien hemm sensiela ta' ġrajjiet li wasslu għal sitwazzjoni fejn is-soċjetà attriċi spiċċat sospiża milli tkompli toffri servizzi ta' monitoraġġ arkeoloġiku fuq is-sit, liema ġrajjiet setgħu ġew evitati li kieku s-soċjetà attriċi osservat b'mod sħiħ it-termini tal-kuntratti li ntrabtet bihom u avvżat mill-ewwel lill-awtorità konvenuta bir-riżenja ta' żewġ impjegati ewlenin li kienu qegħdin jagħtu s-servizzi tagħhom fuq il-proġett inkwistjoni.

Is-soċjetà attriċi qiegħda titlob ukoll li l-Qorti tiddikjara li l-awtorità konvenuta hija responsabbli għall-ħlas ta' €3,835 rappreżentanti bilanċ tal-prezz ta' servizzi ta' monitoraġġ ambjentali reżi mill-attriċi, liema ħlas Transport Malta tgħid li ma tistax tapprovah, u dan minkejja li s-servizzi ta' monitoraġġ ambjentali baqgħu jingħataw mis-soċjetà attriċi, għajr għal perijodu qasir bejn is-27 ta' Novembru, 2014 u l-4 ta' Diċembru, 2014, meta kienet sospiża milli

tkompli b'dan ix-xogħol ta' monitoraġġ. Minkejja li l-ammont pretiż mis-soċjetà attriċi b'rabta max-xogħol ta' monitoraġġ ambjentali, huwa fis-somma ta' €3,835, jirriżulta mid-dokument esebit *a fol.* 217 tal-proċess, li l-awtorità konvenuta kienet ikkalkulat li hemm varjazzjoni fl-ammont ta' €6,608 (VAT inkluż) bejn is-somma oriġinarjament allokata għal dan il-proġett, u l-prezz tas-servizzi attwalment reżi fir-rigward tal-monitoraġġ ambjentali. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha s-soċjetà attriċi qalet li din il-varjazzjoni, li biex tiġi mħallsa trid tiġi kkonfermata mid-Dipartiment tal-Kuntratti, tfisser li l-ħlas għas-servizzi ambjentali pprestati mis-soċjetà attriċi jammonta għal €10,443, u talbet li l-Qorti tillikwida din il-pretensjoni *ai termini* tas-sitt talba tagħha f'din is-somma. Skont dak li stqarret l-awtorità konvenuta fid-dokument esebit *a fol.* 217 tal-proċess, ġie kkonfermat li s-somma ta' €6,608 hija dovuta mill-awtorità konvenuta, u l-unika raġuni għalfejn din is-somma ma ġietx imħallsa kienet minħabba l-varjazzjonijiet li jeċċedu l-ħamsa fil-mija (5%) tal-valur tal-kuntratt. Fi kliem l-awtorità konvenuta:

> *"a part that is <u>confirmed from our end and can be certified</u> but part of this is a variation on the contract quantities and is held up at the Department of Contracts (DOC) (AIS is not agreeing to the variation as we calculated it thus the DOC cannot proceed with the vetting and approval processes). Payment cannot be processed by Transport Malta (TM) if the DOC does not approve the variation – the values are as follows:*
> *(a) EUR 1,180 for weekly reports 75 to 78,*
> *(b) EUR 5,428.00 for the Environmental Monitoring Final Reports.*
> ***TOTAL EUR 6,608.00 incl. VAT.****"*

Il-Qorti tqis li in vista ta' din l-ammissjoni tal-awtorità konvenuta fir-rigward ta' dawn l-ammonti li huma dovuti minnha b'rabta ma' servizzi ta' monitoraġġ ambjentali attwalment reżi mis-soċjetà attriċi, hija għandha tillikwida l-

ammont dovut *ai termini* tas-sitt talba tas-soċjetà attriċi fis-somma ta' sitt elef, sitt mija u tmien Euro (€6,608.00).

<u>Decide</u>

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad it-tieni, il-ħames u s-sitt eċċezzjoni tal-awtorità konvenuta;**
2. **Tilqa' t-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet tal-awtorità konvenuta;**
3. **Tilqa' l-ewwel talba tas-soċjetà attriċi u tiddikjara li l-awtorità konvenuta għandha tħallas is-somma ta' għoxrin elf, mitejn u sittin Euro u sittin ċenteżmu (€20,260.60) rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' servizzi ta' *archaeological monitoring* reżi *ai termini* tal-kuntratt CT3040/2013 u *ai termini* tat-Tripartite Agreement, liema bilanċ baqa' ma tħallasx milll-awtorità konvenuta, u tikkundanna lill-awtorità konvenuta tħallas dan l-ammont lis-soċjetà attriċi bl-imgħaxijiet skont kif miftiehma fil-kuntratt CT 3040/2013;**
4. **Tiċħad it-tielet, ir-raba' u l-ħames talba tas-soċjetà attriċi għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija;**
5. **Tiddikjara li l-awtorità konvenuta hija debitriċi tas-soċjetà attriċi fis-somma ta' sitt elef, sitt mija u tmien Euro (€6,608) rappreżentanti l-bilanċ tal-prezz ta' servizzi ta' monitoraġġ ambjentali reżi lilha mis-soċjetà attriċi *ai termini* tal-kuntratt CT 3040/2013, liema ammont sar**

**dovut minħabba d-dikjarazzjoni unilaterali tagħha (fil-kontroprotest numru 126/2015) illi hija ma tistax tapprova tali ħlas.**

**Bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv. L-ispejjeż tal-kawża għandhom jinqasmu nofs b'nofs bejn il-partijiet.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**